SENTENZA TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Marzu 2015 *

[Test rettifikat permezz ta' digriet tat-3 ta' Diċembru 2015]

"Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikors għal annullament — Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal — Regoli interni dwar il-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu fil-post tax-xogħol — Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal — Talba għal assistenza — Żbalji manifesti ta' evalwazzjoni — Assenza — Rwol u prerogattivi tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu fil-post tax-xogħol — Possibbiltà għall-uffiċjal li jadixxi dan il-kumitat — Rikors għad-danni"

Fil-Kawża F-124/13,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat skont l-Artikolu 270 TFUE, applikabbli għat-Trattat KEEA bis-saħħa tal-Artikolu 106a tiegħu,

CW, uffiċjal tal-Parlament Ewropew, residenti fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentata minn C. Bernard-Glanz, avukat,

rikorrenti,

vs

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn E. Taneva u M. Dean, bħala aġenti,

konvenut,

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU (L-Ewwel Awla),

kompost minn R. Barents, President, E. Perillo u J. Svenningsen (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: X. Lopez Bancalari, Amministratur,

wara li ra l-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Diċembru 2014,

jagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 Permezz ta' rikors li wasal fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fid-19 Diċembru 2013, CW titlob b'mod partikolari, minn naħa waħda, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tat-8 ta' April 2013, li ċaħdet it-talba tagħha għal assistenza mressqa minħabba fastidju psikoloġiku li hija tħoss li kienet suġġetta għalih mis-superjuri tagħha u, min-naħa l-oħra, il-kundanna tal-Parlament sabiex iħallasha d-danni.

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 31, intitolat "Kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa", tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"Kull ħaddiem għandu d-dritt għal kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu."

3 L-Artikolu 12a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-kawża (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), jipprevedi:

"'Turment [fastidju] psikoloġiku'; ifisser kull imġiba mhux xierqa li ssir tul perjodu, hija ripetittiva jew sitematika u tinvolvi atteġġament fisku, lingwa mlissna jew miktuba, azzjonijiet jew atti oħra li huma intenzjonali u li jistgħu jbaxxu l-personalità, dinjità, jew integrità fisika jew psikoloġika ta' xi persuna."

4 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi:

"L-Unjoni għandha tassisti kull uffiċjal, partikolarment fi proċeduri kontra kull persuna li tagħmel theddid, atti jew kliem ta' insult jew defamatorji, jew kull attakk fuq persuna jew proprjetà li għalihom huwa jew membru mill-familja tiegħu huwa suġġett minħabba l-posizzjoni jew id-dmirijiet tiegħu."

5 Fil-21 ta' Frar 2006, il-Parlament adotta "[regoli interni relatati mal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu fil-post tax-xogħol]" ġodda sabiex jimplementa l-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal (iktar 'il quddiem ir-"regoli interni"). Mill-Artikolu 9 tar-regoli interni jirriżulta li kull membru tal-persunal ta' din l-istituzzjoni, li jkollu problema li tista' tkun fastidju jew li jaħseb li problema ta' dan it-tip tista' teżisti fl-ambjent tax-xogħol tiegħu, jista' jirrapporta din il-kwistjoni lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu fil-post tax-xogħol (iktar 'il quddiem il-"Kumitat" jew "il-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju"). L-Artikolu 11 tar-regoli interni jipprevedi li membru tal-persunal li jħoss li kien suġġett ta' fastidju għandu jinstema' mill-Kumitat fi żmien għaxart'ijiem ta' xogħol minn meta titressaq it-talba tiegħu. Skont l-Artikoli 12 sa 14 tar-regoli interni, il-Kumitat jista', jekk hekk iħoss, jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-amministrazzjoni sabiex tissolva l-problema; għandu, sabiex jiżgura li l-fajl ikompli jiġi segwit, jibqa' f'kuntatt mal-membru tal-persunal ikkonċernat u, jekk meħtieġ, mas-superjuri diretti; u, jekk il-problema tippersisti, l-imsemmi Kumitat jibgħat rapport kunfidenzjali lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament bi proposti fuq l-azzjoni jew azzjonijiet li għandhom jittieħdu u, meta dan jidher xieraq, jista' jitolbu istruzzjonijiet sabiex tinfetaħ investigazzjoni ddettaljata.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

6 Fis-6 ta' Ottubru 2003, ir-rikorrenti ġiet ingaġġata bħala membru tal-persunal awżiljarju fil-Parlament. Inizjalment, hija ġiet assenjata mad-Diviżjoni tal-Interpretazzjoni Slovakka fid-Direttorat tal-Interpretazzjoni tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) "Infrastruttura u interpretazzjoni", li sar id-DĠ "Interpretazzjoni u Konferenzi". Mit-8 ta' Ottubru 2004, hija ġiet ingaġġata bħala membru tal-persunal temporanju fl-istess diviżjoni.

7 Fl-1 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrenti inħatret uffiċjal bi prova mal-Parlament u assenjata mad-Diviżjoni tal-Interpretazzjoni Ċeka (iktar 'il quddiem id-"Diviżjoni"). Hija saret tal-post fl-1 ta' Lulju 2009.

8 Bejn l-2008 u l-2010, ir-rikorrenti u H. kienu kollegi fi ħdan id-Diviżjoni. Meta l-kariga ta' Kap ta' Diviżjoni saret vakanti, it-tnejn li huma applikaw. Fi tmiem il-proċedura ta' selezzjoni, l-applikazzjoni tar-rikorrenti ma ġietx milqugħa u minflok intlaqgħet dik ta' H., (iktar 'il quddiem il-"Kap tad-Diviżjoni") li ġiet appuntata f'din il-kariga fis-17 ta' Mejju 2010.

9 Ir-relazzjonijiet bejn ir-rikorrenti u l-Kap tad-Diviżjoni ddegradaw, b'mod partikolari wara laqgħa tad-Diviżjoni li saret fit-23 ta' Mejju 2011 (iktar 'il quddiem il-"laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011").

10 F'dan ir-rigward, f'Mejju 2011, wara li ġiet ippreparata lista ta' mistoqsijiet tad-Diviżjoni fid-dawl ta' laqgħa mal-amministrazzjoni prevista għat-13 ta' Mejju 2011, inqala' kunflitt bejn, minn naħa waħda, ir-rikorrenti u diversi membri oħra tad-Diviżjoni u, min-naħa l-oħra, il-Kap tad-Diviżjoni u l-membri tad-Diviżjoni li kienu jappoġġawha. Essenzjalment, il-mistoqsijiet li ġew ippreparati taħt id-direzzjoni ta' kollega tar-rikorrenti, CQ, ġew ippreżentati *tale quale* lid-Direttur tad-Direttorat tal-Interpretazzjoni (iktar 'il quddiem id-"Direttur") tramite l-Kap tad-Diviżjoni. F'ittra elettronika, id-Direttur irreaġixxa b'mod qawwi għal mistoqsijiet kif magħmula filwaqt li kkontesta l-fatt li dawn setgħu jirrappreżentaw il-pożizzjoni tal-membri kollha tal-Diviżjoni. F'dan ir-rigward, fit-12 ta' Mejju 2011, il-Kap tad-Diviżjoni bagħtet ittra elettronika lil kull membru tal-persunal tad-Diviżjoni li kienet tgħid hekk: "[…] Tħejjew mistoqsijiet għan-nom tal-interpreti tal-kabina [ta' interpretazzjoni tad-Diviżjoni] fid-dawl tal-laqgħa ta' għada mal-amministrazzjoni. Inti kont taf bihom u dawn jirriflettu kompletament l-opinjoni tiegħek? […]"

11 Matul il-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011, il-Kap tad-Diviżjoni intalbet, b'mod partikolari, tispjega għaliex hija bagħtet l-ittra elettronika tat-12 ta' Mejju 2011 lill-membri tad-Diviżjoni. Minn hemm bdiet polemika li damet diversi xhur fir-rigward tar-redazzjoni tal-verżjoni finali tal-minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti u diversi kollegi tagħha, fosthom CQ, ikkontestaw diversi drabi l-kontenut ta' dawn il-minuti u talbu lill-Kap tad-Diviżjoni, permezz ta' ittra elettronika mibgħuta lid-Diviżjoni kollha, sabiex tagħtihom il-bażi legali li tippermettilha tiddeċiedi, finalment, il-kontenut tal-minuti tal-laqgħa kkontestata. Fit-13 ta' Settembru 2011, wara konsultazzjoni mad-Direttur u filwaqt li rrikonoxxiet li ma kien hemm l-ebda regola bil-miktub dwar dan, il-Kap tad-Diviżjoni bagħtet ittra elettronika lill-membri tad-Diviżjoni li fiha spjegatilhom il-prinċipji li jirregolaw l-adozzjoni tal-minuti, b'mod partikolari l-fatt li hija setgħet, fil-kwalità tagħha ta' Kap tad-Diviżjoni, tirrifjuta li tikkoreġi l-minuti ta' laqgħa meta l-korrezzjoni mitluba ma kinitx tirrifletti dak li ntqal fil-laqgħa. Fis-6 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrenti għal darb'oħra reġgħet bagħtet ittra elettronika lid-Diviżjoni kollha, inkluż lil Kap tad-Diviżjoni, dwar il-minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011.

12 Fis-17 ta' Frar 2012, id-Direttur bagħat ittra elettronika lir-rikorrenti sabiex din teżegwixxi istruzzjonijiet li kien taha f'nota, li ntbagħtet bl-idejn, fl-1 ta' Frar, jiġifieri li tiskuża ruħha, permezz ta' ittra elettronika indirizzata lill-membri tad-Diviżjoni, inkluż lill-Kap tad-Diviżjoni, talli implikat li l-Kap tad-Diviżjoni interpretat b'mod żbaljat ir-regoli relatati mal-kriterji ta' selezzjoni tal-kandidati li applikaw għal korsijiet tal-lingwa organizzati fil-perijodu tas-sajf.

13 Fid-19 ta' Frar 2012, permezz ta' ittra elettronika, ir-rikorrenti spjegat lill-President tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju (iktar 'il quddiem il-"President tal-Kumitat") li "mill-1 ta' Frar 2012, hija kienet esposta għal pressjoni enormi miż-żewġ superjuri tagħha, li kienet f'sitwazzjoni diffiċli ferm u li hija xtaqet titlob għajnuna professjonali dwar din il-kwistjoni". Għalkemm ir-rikorrenti, permezz ta' din l-ittra elettronika, kienet talbet lill-President tal-Kumitat sabiex jinformaha dwar il-possibbiltà li jiltaqa' magħha kemm jista' jkun malajr, huwa ma rrispondiex bil-miktub għal din l-ittra elettronika. Permezz ta' ittra elettronika tal-21 ta' Frar 2012, ir-rikorrenti għalhekk ikkuntattjat lill W, is-segretarja tal-Kumitat, li, permezz ta' ittra elettronika mibgħuta l-għada, irrispondietha li l-President tal-Kumitat kien qed jimxi għal uffiċċju ġdid, u dan seta' jispjega li ma kienx qed jirċievi l-posta elettronika tiegħu,

u ssuġġeritilha tikkuntattja lil E.-H. jew R., it-tnejn membri tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju, li kienu wkoll ikkopjati f'din l-ittra elettronika tas-segretarjat. Mingħajr ma kkuntattjat direttament lil xi wieħed minn dawn il-membri, ir-rikorrenti rrispondiet, permezz ta' ittra elettronika tat-22 ta' Frar 2012, li biha kien ikkopjat ukoll il-President tal-Kumitat, billi indikat lil W. li hija xtaqet tieħu parir mingħand il-President tal-Kumitat kemm jista' jkun malajr. Imbagħad W. ikkonfermatilha li l-messaġġ tagħha ser jiġi trażmess lill-President tal-Kumitat kemm jista' jkun malajr. Skont ir-rikorrenti, dawn l-ittri elettroniċi baqgħu qatt ma ġew imwieġba mill-President tal-Kumitat.

14 Fid-29 ta' Marzu 2012, ir-rikorrenti rċeviet nota mingħand id-Direttur li biha ġiet informata li fid-dawl tal-istat ta' saħħa reċenti tagħha, kienet qed tiġi rilaxxata mid-doveri sekondarji relatati mal-kariga tagħha ta' interpretu. Minn dakinhar ir-rikorrenti wettqet biss id-doveri prinċipali tagħha, jiġifieri l-interpretazzjoni fi Brussell (il-Belġju) kif ukoll fiż-żewġ postijiet tax-xogħol l-oħra tal-Parlament. Hija kompliet tipparteċipa wkoll, b'mod partikolari, f'kors tal-lingwa Pollakka. Barra minn hekk, wara laqgħa li saret fil-bidu ta' Ġunju 2013, id-Direttur ikkonferma, permezz ta' nota tal-11 ta' Ġunju 2013 indirizzata lir-rikorrenti u kkopjata lill-Kap tad-Diviżjoni, li r-rikorrenti kienet awtorizzata minn issa 'l quddiem issegwi taħriġ professjonali fl-interess tas-servizz.

15 Fl-4 ta' Lulju 2012, inħatar president ġdid tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju (iktar 'il quddiem il-"President ġdid tal-Kumitat") u skont il-Parlament, ir-rikorrenti sussegwentement ġiet mistiedna diversi drabi sabiex tikkuntattja lill-Kumitat.

16 Fil-5 ta' Frar 2013, ir-rikorrenti, skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, ressqet talba għal assistenza lill-Parlament skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal (iktar 'il quddiem it-"talba għal assistenza"). Insostenn ta' din it-talba, ir-rikorrenti tat deskrizzjoni ddettaljata ta' erbatax-il inċident jew avveniment li, fl-opinjoni tagħha, meħuda individwalment jew flimkien, kienu jikkostitwixxu fastidju psikoloġiku mill-Kap tad-Diviżjoni u mid-Direttur tagħha. Ir-rikorrenti enfasizzat ukoll li din il-lista ta' inċidenti ma kinitx eżawrjenti u li "l-istituzzjoni, li fi ħdanha kienu tressqu talba formali għal assistenza u lment [minn CQ], kienet taf bis-sitwazzjoni u kienet tat mandat lid-Direttur Ġenerali [tad-DĠ 'Interpretazzjoni u Konferenzi'] sabiex jinvestiga l-każ". Barra minn hekk hija ddikjarat li l-allegat fastidju li kien jikkonċernaha kien f'diversi forom: "komunikazzjoni qarrieqa ['deceptive or misleading communications'], rifjut ta' komunikazzjoni, kummenti degradanti, tentattivi ta' umiljazzjoni pubblika, difamazzjoni, pressjonijiet, intimidazzjonijiet u theddid, jew tneħħija inġustifikata ta' doveri professjonali". Dawn l-avvenimenti kollha wassluha għal "burnout" li ġġustifika li titqiegħed fuq leave tal-mard fit-tul.

17 Permezz tat-talba għal assistenza tagħha, li fiha hija uriet id-dispjaċir tagħha għall-fatt li, minkejja t-talbiet u t-tfakkir tagħha, la l-President tal-Kumitat u lanqas xi membru ieħor tal-Kumitat ma kienu kkuntattjawha wara l-ittra elettronika tagħha tad-19 ta' Frar 2012, ir-rikorrenti talbet lill-Parlament, minn naħa waħda, li l-Kap tad-Diviżjoni u/jew id-Direttur tagħha jiġu ttrasferiti f'kariga oħra jew li tiġi adottata deċiżjoni li jkollha effett ekwivalenti sabiex tipproteġiha mill-abbużi tagħhom u, min-naħa l-oħra, li jiftaħ investigazzjoni ddettaljata dwar il-metodi ta' mmaniġġjar u l-imġiba tas-superjuri tagħha.

18 F'ittra tal-5 ta' Marzu 2013, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Persunal" (iktar 'il quddiem id-"Direttur Ġenerali tal-Persunal"), fil-kwalità tiegħu ta' Awtorità tal-Ħatra (iktar 'il quddiem l-"Awtorità tal-Ħatra"), filwaqt li wera d-dispjaċir tiegħu li l-ewwel kuntatt li r-rikorrenti pprovat tagħmel, mingħajr eżitu, mal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju fi Frar 2012 "ma kienx wassal għal eżami fid-dettal tal-ilmenti tagħha", irrakkomanda lir-rikorrenti sabiex tikkuntattja lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju li, bis-setgħat wiesgħa li għandu sabiex jeżamina fid-dettall il-każijiet potenzjali kollha ta' fastidju u sabiex jagħmel rakkomandazzjonijiet, kien l-iktar korp adattat sabiex jivverifika jekk il-fatti deskritti minnha setgħux jitqiesu li huma fastidju psikoloġiku. Sabiex jiġi ffaċilitat dan il-proċess, f'din l-ittra ġew indikati d-dettalji tal-president il-ġdid tal-Kumitat. Madankollu, f'risposta li ngħatat mill-avukat tagħha permezz ta' ittra tal-11 ta' Marzu 2012, ir-rikorrenti l-ewwel nett osservat li hija kienet diġà "eżawrixxiet din l-għażla", għaliex hija kienet "ippruvat tilmenta mal-Kumitat [konsultattiv

dwar il-fastidju]", u mbagħad spjegat li hija kienet ressqet talba għal assistenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal preċiżament minħabba l-fatt li l-Kumitat, li lilu kienet irreferiet il-każ fl-ewwel lok, kien falla fil-missjoni tiegħu kif assenjata lilu permezz tar-regoli interni. L-avukat tar-rikorrenti ppreċiża li, f'dan il-kuntest, dehrlu li "r-rakkomandazzjoni [tad-Direttur Ġenerali tal-Persunal] kienet tal-mistħija u inaċċettabbli".

19 Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' April 2013, innotifikata lir-rikorrenti fl-10 ta' April 2013, l-Awtorità tal-Ħatra, permezz tad-Direttur Ġenerali tal-Persunal, wara li eżaminat it-talba għal assistenza u fid-dawl tal-informazzjoni relatata mas-sitwazzjoni fid-Diviżjoni li dwarha kienet saret taf fil-kuntest tal-eżami ta' lment għal fastidju mressaq minn kollega ta' din id-Diviżjoni, f'dan il-każ CQ (ara s-sentenza CQ vs Il-Parlament, F-12/13, EU:F:2014:214), ċaħdet it-talba għal assistenza tar-rikorrenti (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza").

20 F'dan ir-rigward, l-Awtorità tal-Ħatra indikat id-dispjaċir tagħha li r-rikorrenti rrifjutat li tikkuntattja l-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju peress li din l-attitudni kellha l-konsegwenza li l-Awtorità tal-Ħatra ma kellhiex dak li għaliha seta' kien "parir validu dwar l-allegazzjonijiet tar-[rikorrenti, peress li l-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju] [kien] l-iktar korp addattat sabiex [imexxi] l-investigazzjoni dettaljata li r-rikorrenti kienet talbet]".

21 Minkejja dan, u minkejja l-fatt li l-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju ma ġiex ikkonsultat, l-Awtorità tal-Ħatra ddeċidiet, wara eżami tad-dokumenti voluminużi ppreżentati mir-rikorrenti u wara li kisbet informazzjoni dwar is-sitwazzjoni li kien hemm fid-Diviżjoni minn investigazzjoni oħra li kienet qed issir mill-Kumitat fl-imsemmija Diviżjoni, li tiċħad it-talba għal assistenza tar-rikorrenti. Fil-fatt, filwaqt li pproċediet għall-eżami ta' kull wieħed mill-avvenimenti kkontestati kif iddikjarati mir-rikorrenti, l-Awtorità tal-Ħatra kkunsidrat li dawn kienu minuri, jew li kienu diġà ġew ikkontestati fil-kuntest tal-kontestazzjoni tar-rikorrenti tar-rapport ta' evalwazzjoni tagħha tas-sena 2011 (iktar 'il quddiem ir-"rapport ta' evalwazzjoni 2011"), jew inkella, li kienu deċiżjonijiet jew aġir leġittimu tal-Awtorità tal-Ħatra jew tas-superjuri diretti tagħha fid-dawl tal-aġir tar-rikorrenti stess.

22 Fid-9 ta' Lulju 2013, ir-rikorrenti ressqet ilment, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza. Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Ottubru 2013, l-Awtorità tal-Ħatra, permezz tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament, ċaħdet l-ilment bħala prematur, f'dan l-istadju (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment"). F'dan ir-rigward, l-Awtorità tal-Ħatra enfasizzat b'mod partikolari li hija ma kinitx obbligata tadotta miżuri skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal ħlief jekk il-fatti li wasslu għat-talba kienu ġew stabbiliti u li, speċifikament, fi ħdan il-Parlament, kien il-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju li kien inkarigat mill-investigazzjoni fil-każijiet ta' allegat fastidju. Ir-rikorrenti rrinunzjat milli tissottometti l-każ tagħha għall-evalwazzjoni tal-Kumitat.

23 Filwaqt li fakkritha li, skont il-ġurisprudenza l-eżistenza ta' relazzjonijiet diffiċli, jew kunflittwali, bejn uffiċjal u s-superjur Direttur tiegħu ma tikkostitwixxix, fiha nnifisha, il-prova ta' fastidju psikoloġiku, l-Awtorità tal-Ħatra informat lir-rikorrenti li hija kienet talbet lill-President il-ġdid tal-Kumitat, li kien daħal fil-kariga fl-4 ta' Lulju 2012, sabiex jikkuntattjha sabiex jispjegalha l-proċedura quddiem il-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju sabiex jippermettilha, bl-għajnuna tal-informazzjoni mogħtija, tiddeċiedi jekk tipproċedix jew le b'dik il-proċedura.

24 Fil-15 ta' Jannar 2014, f'dan il-każ wara l-preżentata ta' dan ir-rikors, il-President il-ġdid tal-Kumitat ikkuntattja lir-rikorrenti. Huma ltaqgħu fl-20 ta' Jannar 2014. Permezz ta' ittra elettronika mibgħuta fl-istess jum, il-President il-ġdid tal-Kumitat ikkonferma l-possibbiltà tar-rikorrenti li tikkuntattja lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju b'mod informali u "fi kwalunkwe ħin li [hija] tħoss opportun".

It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura

25 Ir-rikorrenti titlob li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku:

— jiddikjara r-rikors ammissibbli;

— jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza;

— jannulla, sa fejn meħtieġ, id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment;

— li tingħata, minn naħa waħda, ammont ta' EUR 50,000 minħabba d-danni morali li hija subit u, min-naħa l-oħra, li tiġi rrimborsata, minħabba d-dannu materjali subit, kwart tal-ammont tal-ispejjeż mediċi subiti minħabba d-deterjorazzjoni tal-istat tas-saħħa tagħha, bl-interessi legali sal-pagament;

— jikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

26 Il-Parlament jitlob li r-rikors jiġi miċħud bħala manifestament infondat u li r-rikorrenti tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

27 Fir-rapport preparatorju tas-seduta li ġie nnotifikat lill-partijiet fil-21 ta' Novembru 2014, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, bħala miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, għamel mistoqsijiet lill-partijiet. Il-partijiet wieġbu dawn il-mistoqsijiet u kellhom l-opportunità, it-tnejn li huma, li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq ir-risposti rispettivi tagħhom waqt is-seduta li saret fil-11 ta' Diċembru 2014.

28 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti kkonfermat b'mod partikolari li hija kellha aċċess mill-bogħod għall-posta elettronika tagħha tal-Parlament u li hija kienet ipparteċipat f'erba' korsijiet universitarji tas-sajf, fosthom wieħed tal-lingwa Ingliża fl-2004. Min-naħa tiegħu, il-Parlament spjega b'mod partikolari, fir-rigward tan-nuqqas ta' risposta tal-President tal-Kumitat għall-ittra elettronika tar-rikorrenti tad-19 ta' Frar 2012, li huwa kien beda jaqdi funzjonijiet ġodda fi ħdan Direttorat Ġenerali ieħor fil-25 ta' Jannar 2012, iżda enfasizza li huwa madankollu kien ipprova jikkuntattja lir-rikorrenti wara l-ittra elettronika tagħha tad-19 ta' Frar 2012. Fir-rigward tat-trasferiment tar-rikorrenti mad-Diviżjoni Ċeka, minkejja li qabel kienet tifforma parti mid-Diviżjoni tal-Interpretazzjoni Slovakka, il-Parlament spjega li ma kinux inżammu t-traċċi tal-ilment tagħha dwar il-fastidju li kien tressaq mir-rikorrenti dak iż-żmien u li t-trasferiment kien sar meta laħqet uffiċjal bi prova. Fir-rigward tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju, il-Parlament spjega li dan il-kumitat ma kien bl-ebda mod awtorizzat jiddeċiedi għan-nom tal-Awtorità tal-Ħatra fuq talba għal assistenza bbażata fuq l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal u, konsegwentement, ma setax jiddeċiedi li jiċħad tali lment.

29 Barra minn hekk, permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2014, ir-rikorrenti, minn naħa waħda, issottomettiet kummenti, akkumpanjati minn tliet annessi ġodda, fuq ir-rapport preparatorju tas-seduta u, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 57 tar-Regoli tal-Proċedura, offriet mill-ġdid li tipproduċi provi marbuta, b'mod partikolari, ma' żewġ dikjarazzjonijiet ġuramentati li saru minn żewġ kollegi tagħha u annessi mar-risposta tagħha. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li jżid dawn id-dokumenti fil-proċess u li ma jagħlaqx il-proċedura orali fi tmiem is-seduta sabiex jagħti l-possibbiltà lill-Parlament jippreżenta eventwali osservazzjonijiet fuq dawn id-dokumenti l-ġodda, ħaġa li huwa għamel fis-17 ta' Diċembru 2014.

30 Barra minn hekk, fl-istess ittra tal-5 ta' Diċembru 2014, ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, fil-każ li huwa jikkunsidra li l-ittri elettroniċi redatti bil-lingwa Ċeka, li tagħhom, fir-risposta tagħha, hija kienet qed tikkontesta l-eżattezza tat-traduzzjonijiet għal-lingwa Ingliża li saret mill-Parlament, kienu rilevanti għad-deċiżjoni f'din il-kawża, sabiex jordna t-traduzzjoni tagħhom minn traduttur indipendenti.

31 It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għalaq il-proċedura orali fit-18 ta' Diċembru 2014.

Id-dritt

1. *Fuq is-suġġett tar-rikors*

32 Talbiet għal annullament formalment indirizzati kontra ċ-ċaħda ta' lment għandhom bħala effett li jadixxu lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bl-att li kontra tiegħu tressaq l-ilment, meta jkunu, bħala tali, neqsin minn kontenut awtonomu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Vainker vs Il-Parlament, 293/87, EU:C:1989:8, punt 8, u CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punt 69).

33 Madankollu, f'din il-kawża, il-motivazzjoni li tinsab fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment hija differenti minn dik li tinsab fid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza, b'tali mod li t-talbiet għal annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment ma humiex neqsin minn kontenut awtonomu u li għalhekk għandha tingħata wkoll deċiżjoni dwar il-mertu tagħhom. Barra minn hekk, id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment tispeċifika ċerti aspetti tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza. Konsegwentement, fid-dawl tan-natura dejjem tevolvi tal-proċedura prekontenzjuża, din il-motivazzjoni għandha wkoll tiġi kkunsidrata għall-eżami tal-legalità tad-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza, peress li din il-motivazzjoni titqies ukoll li tkopri dan l-aħħar att (ara s-sentenza Mocová vs Il-Kummissjoni, F-41/11, EU:F:2012:82, punt 21).

2. *Fuq it-talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza u tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment*

34 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tqajjem formalment żewġ motivi ta' annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza u tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment. L-ewwel motiv jinkludi tliet partijiet: l-ewwel waħda bbażata fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur relatat tal-Artikolu12a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tieni waħda, fuq l-abbuż ta' poter u, it-tielet waħda, fuq ksur tad-dmir ta' premura u tal-obbligu ta' assistenza, stabbilit bl-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll fuq ksur tal-Artikolu 31(1) tal-Karta. It-tieni motiv jinkludi żewġ partijiet: l-ewwel waħda bbażata fuq ksur tal-obbligu ta' assistenza stabbilit bl-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal u t-tieni, fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, tad-dmir ta' premura u tal-Artikolu 31(1) tal-Karta.

35 Minkejja dan, fil-punti 112 u 113 tat-talba tagħha, ir-rikorrenti espressament indikat li l-ewwel motiv imqajjem kien jirrigwarda l-legalità, fir-rigward tal-mertu, tal-motivi ta' ċaħda tat-talba għal assistenza kif esposti fid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza, filwaqt li t-tieni motiv kien jikkonċerna r-raġuni, ibbażat fuq in-natura allegatament prematura tal-ilment, imsemmija fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment. Għalhekk għandu jinftiehem, kif ir-rikorrenti ammettiet waqt is-seduta, li l-ewwel motiv huwa bbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, abbuż ta' poter u ksur relatat tal-Artikolu 12a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tal-Artikolu 31(1) tal-Karta filwaqt li t-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tad-dmir ta' premura u tal-obbligu ta' assistenza stabbilit fl-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Kunsiderazzjonijiet preliminari fir-rigward tal-portata tal-obbligu ta' assistenza fil-preżenza ta' allegazzjonijiet ta' fastidju

36 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tfassal bil-għan li jipproteġi lill-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kontra l-fastidju jew trattament degradanti jkun liema jkun, mhux biss minn terzi persuni, iżda wkoll mis-superjuri diretti tagħhom jew il-kollegi tagħhom (sentenzi V. vs Il-Kummissjoni, 18/78, EU:C:1979:154, punt 15; Schmit vs Il-Kummissjoni, T-144/03, EU:T:2005:158, punt 96; u Lo Giudice vs Il-Kummissjoni, T-154/05, EU:T:2007:322, punt 135).

37 Skont l-obbligu ta' assistenza, l-amministrazzjoni għandha, meta tiġi kkonfrontata b'inċident li huwa inkompatibbli mal-ordni u s-serenità tas-servizz, tintervjeni bl-enerġija kollha neċessarja u twieġeb bil-ħeffa u bil-premura meħtieġa miċ-ċirkustanzi tal-każ sabiex tistabbilixxi l-fatti u tadotta, meta tikkonstata dan, il-konsegwenzi xierqa. Għal dan il-għan, huwa biżżejjed li uffiċjal li jitlob il-protezzjoni mill-istituzzjoni tiegħu jipprovdi ħjiel ta' prova tar-realtà tal-attakki li tagħhom huwa jsostni li kien il-vittma. Fid-dawl ta' dawn il-provi, hija l-istituzzjoni inkwistjoni li għandha tieħu l-miżuri xierqa, b'mod partikolari billi twettaq investigazzjoni, sabiex tistabbilixxi l-fatti li taw lok għall-ilment, bil-kollaborazzjoni tal-awtur tagħhom (sentenzi Koutchoumoff vs Il-Kummissjoni, 224/87, EU:C:1989:38, punti 15 u 16; Tallarico vs Il-Parlament, T-5/92, EU:T:1993:37, punt 31; Campogrande vs Il-Kummissjoni, T-136/98, EU:T:2000:281, punt 42; Schochaert vs Il-Kunsill, T-136/03, EU:T:2004:229, punt 49; u Lo Giudice vs Il-Kummissjoni, EU:T:2007:322, punt 136).

38 Fil-preżenza ta' allegazzjonijiet ta' fastidju, l-obbligu ta' assistenza jinkludi, b'mod partikolari, id-dmir tal-amministrazzjoni li teżamina bir-reqqa, malajr u bil-kunfidenzjalità kollha, l-ilment tal-fastidju u li tinforma lil min jagħmel l-ilment bl-azzjoni li għandha tittieħed fir-rigward mogħti tal-ilment (sentenza Klug vs EMEA, F-35/07, EU:F:2008:150, punt 74).

39 Fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu f'sitwazzjoni li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-amministrazzjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa, suġġetta għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni, fl-għażla tal-miżuri u tal-mezzi ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal. L-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni huwa limitat għall-kwistjoni li jsir magħruf jekk l-istituzzjoni kkonċernata żammitx il-limiti raġonevoli permessi u jekk użatx is-setgħa diskrezzjonali tagħha b'mod manifestament żbaljat (ara s-sentenzi Haas *et* vs Il-Kummissjoni, T-3/96, EU:T:1998:202, punt 54; Schmit vs Il-Kummissjoni, EU:T:2005:158, punt 98; u Lo Giudice vs Il-Kummissjoni, EU:T:2007:322, punt 137).

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-istituzzjoni ma għandhiex tieħu passi dixxiplinari kontra uffiċjali msemmija f'ilment għal fastidju, irrispettivament minn jekk humiex superjuri diretti jew le tal-allegat vittma, jew inkella tiddeċiedi li tassenjahom f'kariga oħra ħlief jekk il-miżuri provviżorji ordnati jistabbilixxu b'ċertezza l-eżistenza, minn naħa tal-uffiċjali kkonċernati, ta' aġir li jikkawża dannu għall-funzjonament tajjeb tas-servizz jew għad-dinjità u għar-reputazzjoni ta' uffiċjal ieħor (sentenzi Katsoufros vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, 55/88, EU:C:1989:409, punt 16; Dimitriadis vs Il-Qorti tal-Awdituri, T-294/94, EU:T:1996:24, punt 39; u Schmit vs Il-Kummissjoni, EU:T:2005:158, punt 108).

41 F'dak li jirrigwarda l-kunċett ta' "turment [fastidju] psikoloġiku", dan huwa ddefinit bħala "imġiba mhux xierqa" li l-ewwel nett, timmaterjalizza b'atteġġjament, kliem, atti, ġesti jew kitba li ssir "tul perijodu, hija ripetittiva jew sistematika", ħaġa li timplika li l-fastidju psikoloġiku għandu jinftiehem bħala proċess li essenzjalment iseħħ tul iż-żmien u jippreżupponi l-eżistenza ta' aġir ripetut jew kontinwu u li huwa "volontarju", iktar milli "aċċidentali". It-tieni nett, sabiex jaqgħu taħt dan il-kunċett, dawn l-imġiba, kliem, atti, ġesti jew kitba għandu jkollhom l-effett li jikkawżaw dannu għall-personalità, għad-dinjità, jew għall-integrità fiżika jew psikoloġika ta' persuna (ara s-sentenza CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punti 76 u 77, u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit li l-imġiba, kliem, atti, ġesti jew kitba inkwistjoni ġew kommessi bl-intenzjoni li jikkawżaw dannu għall-personalità, għad-dinjità, jew għall-integrità fiżika jew psikoloġika ta' persuna. Fi kliem ieħor, jista' jkun hemm fastidju psikoloġiku mingħajr ma jiġi pprovat li l-persuna allegatament responsabbli għall-fastidju kellha l-intenzjoni, bl-atteġġamenti tagħha, li tiddiskredita lill-vittma jew tnaqqas deliberatament il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha. Huwa biżżejjed li dan l-atteġġament, sakemm ikun ġie kommess volontarjament, ikun wassal b'mod oġġettiv għal tali konsegwenzi (ara s-sentenzi Cantisani vs Il-Kummissjoni, F-71/10, EU:F:2012:71, punt 89, u CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punt 77, u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Finalment, peress li l-atteġġament inkwistjoni għandu, skont l-Artikolu 12a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, ikollu natura abbużiva, isegwi li l-klassifikazzjoni ta' "fastidju" hija suġġetta għall-kundizzjoni li dan ikun oġġettivament u suffiċjentement reali, fis-sens li osservatur imparzjali u raġonevoli, li jkollu sensittività normali u li jitqiegħed fl-istess ċirkustanzi, jikkunsidra l-aġir jew l-att inkwistjoni bħala eċċessiv u ta' min jikkritikah (sentenza Skareby vs Il-Kummissjoni, F-42/10, EU:F:2012:64, punt 65).

44 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-motivi invokati mir-rikorrenti.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u tal-ksur relatat mal-Artikolu 12a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 31(1) tal-Karta

L-argumenti tal-partijiet

45 Permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li, billi rrifjutat milli tirrikonoxxi li l-fatti invokati minnha, b'mod partikolari meta jiġu eżaminati f'kuntest iktar wiesa', jikkostitwixxu fastidju psikoloġiku mill-Kap tad-Diviżjoni u mid-Direttur, l-Awtorità tal-Ħatra kkommettiet diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-fatti kif seħħew u, għalhekk, ikkonkludiet, b'mod żbaljat, li ma kienx hemm fastidju psikoloġiku skont l-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, biex b'hekk interpretat b'mod żbaljat din id-dispożizzjoni, kif ukoll l-Artikolu 31(1) tal-Karta.

46 Insostenn ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni serje ta' "inċidenti partikolari", identifikati minnha bħala li jikkostitwixxu, kemm separatament kif ukoll flimkien, fastidju psikoloġiku fir-rigward tagħha.

47 Dawn l-"inċidenti partikolari" differenti, li għandhom jiġu eżaminati bħala l-bażi tal-ilmenti korrispondenti invokati fil-kuntest tal-ewwel motiv, għandhom, skont ir-rikorrenti, jiġu kkunsidrati u eżaminati fil-kuntest ġenerali li fih seħħ l-allegat fastidju. Ir-rikorrenti essenzjalment tiddeskrivi dan il-kuntest billi tibbaża ruħha fuq il-fatti segwenti: fl-ewwel lok, il-fatti marbuta mal-preparazzjoni u s-sottomissjoni tal-"mistoqsijiet lill-amministrazzjoni" u l-adozzjoni tal-minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011; fit-tieni lok, il-fatti marbuta mal-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti sabiex jintgħażlu l-kandidati għal kors tal-lingwa matul is-sajf fl-Irlanda u l-istruzzjoni li ngħatat mingħand id-Direttur tagħha sabiex tiskuża ruħha; fit-tielet lok, in-nota tad-Direttur, tad-29 ta' Marzu 2012, li rtiralha xi xogħol; u fir-raba' lok, l-istat ta' saħħa ġenerali tagħha, kif deskritt f'diversi ċertifikati mediċi prodotti bejn il-15 ta' Frar 2012 u t-13 ta' Diċembru 2013.

48 Il-Parlament jitlob li l-ewwel motiv jiġi miċħud bħala infondat billi jsostni li l-fatti deskritti bl-ebda mod ma jaqgħu fil-kunċett ta' fastidju, iżda juru biss relazzjonijiet diffiċili u kunflittwali bejn ir-rikorrenti u s-superjuri tagħha. B'hekk, dawn il-fatti ma jippermettux li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra.

Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

49 It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jipproponi, sabiex jiġi ttrattat l-ewwel motiv, li qabel xejn jiġi evalwat b'mod kronoloġiku kull avveniment imsemmi mir-rikorrenti fir-rigward tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal qabel ma jiġu eżaminati flimkien.

– Fuq l-inċident relatat ma' talba għal parteċipazzjoni f'kors ta' aġġornament tal-Ingliż fl-Università ta' Bath (Renju Unit) matul is-sajf 2011

50 Skont ir-rikorrenti, fir-rapport ta' evalwazzjoni 2010 tagħha kien issemma kors ta' aġġornament bil-lingwa Ingliża fir-rigward ta' taħriġ li kellu jsir fis-sena 2011. F'dan ir-rigward, fis-7 ta' April 2011, il-Kap tad-Diviżjoni bagħtitilha ittra ta' rakkomandazzjoni sabiex tappoġġa t-talba tar-rikorrenti lid-Dipartiment kompetenti tal-Parlament. Madankollu, wara li ħadet il-passi neċessarji sabiex tipparteċipa f'dan it-taħriġ, inkluż il-ħlas tal-ispiża ta' riżervazzjoni relatata mat-trasport u/jew mal-akkomodazzjoni, ir-rikorrenti saret taf, fl-20 ta' April 2011, li r-regoli amministrattivi tal-Parlament ma kinux jippermettulha tipparteċipa f'kors simili. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li r-rikorrenti kkritikat lill-Kap tad-Diviżjoni li naqset milli tindikalha li l-benefiċċju ta' kors individwali ta' perfezzjonament qatt ma kien approvat u li kienet ħeġġitha sabiex tapplika għal tali kors "filwaqt li kienet taf perfettament li l-applikazzjoni tagħha kienet ser tkun irrifjutata".

51 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-eżami tat-talbiet għal korsijiet ta' taħriġ lingwistiku, organizzati parzjalment jew totalment fil-ħin tax-xogħol, barra mill-postijiet tax-xogħol u li huma ffinanzjati mill-istituzzjoni, jaqa', fil-każ tal-Parlament u bħal istituzzjonijiet oħra, fi ħdan id-Dipartiment tat-Taħriġ Professjonali li jevalwa l-fajls tat-talba sabiex jagħżel, fid-dawl tal-possibbiltajiet baġitarji, il-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-istituzzjoni skont l-interess tas-servizz.

52 Anki jekk jista' jkun raġonevolment mistenni minn Kap tad-Diviżjoni li jkun jaf, b'mod ġenerali, ir-regoli applikabbli dwar dan is-suġġett, ma huwiex obbligat li jkun jista' jistabbilixxi jew jipprevedi jekk talba għal taħriġ minn wieħed mill-uffiċjali tiegħu tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. B'mod partikolari, f'dan il-każ, fil-fajl ma hemm xejn li jippermetti li jkun ikkunsidrat, kif issostni r-rikorrenti, li l-Kap tad-Diviżjoni kienet taf perfettament, meta bagħtitilha ittra ta' rakkomandazzjoni, li r-regoli applikabbli dwar dan is-suġġett fil-Parlament ma jippermettux li jiffinanzjaw it-tip ta' kors ippjanat mir-rikorrenti.

53 Fi kwalunkwe każ, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkonstata li, kif jirriżulta minn ittra elettronika tas-17 ta' Mejju 2011 mibgħuta mir-rikorrenti lil membru tal-persunal tad-Dipartiment tat-Taħriġ Professjonali fi ħdan id-DĠ "Interpretazzjoni u Konferenzi", ir-rikorrenti, fil-mument li fih issottomettiet l-applikazzjoni tagħha, kienet informata bil-fatt li seta' jkun hemm diffikultajiet sabiex it-talba tagħha tiġi aċċettata.

54 Għaldaqstant, il-fatti hawn fuq imsemmija ma jistgħu bl-ebda mod jitqiesu li huma fastidju psikoloġiku.

– Fuq l-inċidenti marbuta mal-missjoni f'Baku

55 Skont ir-rikorrenti, l-Awtorità tal-Ħatra żbaljat meta kkunsidrat, fid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza, li l-avvenimenti li hija kienet iddeskriviet b'rabta ma' missjoni f'Baku (Azerbajġan) li seħħet fl-20 u fil-21 ta' Ġunju 2011 (iktar 'il quddiem il-"missjoni f'Baku"), kienu jikkostitwixxu biss "problemi żgħar". Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, peress li l-problemi marbuta ma' din il-missjoni wasslu għal nota ta' kritika mid-Direttur, maħruġa fl-14 ta' Settembru 2011, u għal rimarki negattivi fir-rapport ta' evalwazzjoni 2011 tagħha, l-Awtorità tal-Ħatra neċessarjament ikkommettiet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kklassifikat dawn il-problemi bħala żgħar.

56 L-avvenimenti li għalihom tirreferi r-rikorrenti fil-kuntest ta' dan it-tieni lment huma relatati, minn naħa waħda, mal-fatt li hija, fl-irwol tagħha ta' kap ta' tim, ma kinitx semmiet fir-rapport bħala kap tat-tim, problema li kienet seħħet fuq il-post f'dak li jikkonċerna d-daqs tal-kabini ta' interpretazzjoni li kienu għad-dispożizzjoni tal-grupp waqt il-missjoni f'Baku.

57 Min-naħa l-oħra, meta ntalbet, fis-7 ta' Ġunju 2011, sabiex tagħti l-passaport tagħha lid-dipartiment kompetenti tal-Parlament sabiex dan ikun jista' jġibilha visa fil-ħin minħabba din il-missjoni, ir-rikorrenti, għalkemm indunat li fit-tmiem il-ġimgħa preċedenti, jiġifieri fl-4 u l-5 ta' Ġunju 2011, hi kienet ħalliet il-passaport tagħha fid-dar tal-ġenituri tagħha fir-Repubblika Ċeka, hija sempliċement informat lill-Kap tad-Diviżjoni, mingħajr ma tat dettalji oħra, li d-Dipartiment tal-Protokoll seta' ma jkunx f'pożizzjoni li jġibilha visa fil-ħin. Il-Kap tad-Diviżjoni, b'ittra elettronika tat-8 ta' Ġunju 2011, ikkritikat lir-rikorrenti talli ma ddikjaratx, meta fis-7 ta' Ġunju 2011 ippreżentat talba għal-leave annwali għall-10 ta' Ġunju 2011, li hija ma kinitx ser tkun f'pożizzjoni tippreżenta l-passaport tagħha sabiex tissodisfa l-formalitajiet meħtieġa sabiex tinkiseb visa. Permezz ta' ittra elettronika oħra mibgħuta wkoll fit-8 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti mbagħad irrispondiet li l-problema li ltaqgħet magħha ma kellha xejn x'taqsam mat-talba tagħha għal-leave. Huwa f'dan il-kuntest li hija kienet iddikjarat, dejjem fl-istess ittra elettronika: "[…] anki jekk dan ma huwiex affari tiegħek, bħala informazzjoni, qed nindikalek li mhux ser inkun nista' nippreżenta l-passaport tiegħi nhar il-Ġimgħa [10 ta' Ġunju 2011], irrispettivament [mit-talba għal-] leave annwali. […]". Fl-10 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti finalment bagħtet il-passaport tagħha lid-Dipartiment tal-Protokoll. B'hekk, hija setgħet tipparteċipa fil-missjoni f'Baku kif kien previst mill-bidu. F'dan ir-rigward, skont ir-rikorrenti, f'laqgħa li saret fl-4 ta' Lulju 2011, il-Kap tad-Diviżjoni u hi stess kienu ddeċidew reċiprokament li jagħlqu "l-kwistjoni tal-passaport" b'mod amikevoli.

58 Permezz ta' nota tal-14 ta' Settembru 2011, id-Direttur ikkritika lir-rikorrenti li ħolqot u sostniet konfużjoni dwar il-possibbiltà li tkun tista' tipparteċipa fil-missjoni f'Baku, b'mod partikolari meta bagħtet ittra elettronika dwar dan is-suġġett lid-delegazzjoni tal-Kumitati ta' Kooperazzjoni Parlamentari tal-Unjoni Ewropea-Armenja, Unjoni Ewropea-Azerbajġan u l-Unjoni Ewropea-Georgia. Id-Direttur ikkritikaha wkoll li hi ma kinitx avżat lis-superjuri tagħha iktar kmieni li l-passaport tagħha seta' ma jkunx disponsibbli, ħaġa li jekk ikun il-każ, setgħet tippermetti lid-Dipartiment tal-Missjonijiet jissostitwiha. Hija b'hekk ġiegħlet lid-Dipartiment tal-Protokoll jagħmel dak meħtieġ biex jiksbulha visa f'erbat ijiem. Minħabba dan l-episodju tal-passaport, fir-rapport ta' evalwazzjoni 2011 tagħha r-rikorrenti kellha nota li "trid tadotta attitudni inqas intransiġenti lejn is-superjuri tagħha (ara n-nota tal-[14 ta' Settembru 2011])".

59 F'dan ir-rigward, fin-nuqqas tal-elementi fattwali addizzjonali ppreżentati mir-rikorrenti, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jsostni dak li huwa kkunsidra fil-punt 84 tas-sentenza CW vs Il-Parlament (F-48/13, EU:F:2014:186), meta ddeċieda dwar ir-rikors li sar kontra r-rapport ta' evalwazzjoni 2011, jiġifieri li, indipendentement mill-fatt li hija kienet informat b'mod verbali lill-Kap tad-Diviżjoni tagħha, ir-rikorrenti, fi kwalunkwe każ, fir-rapport ta' kap tat-tim ma kinitx inkludiet il-problema tad-daqs tal-kabini tal-interpretazzjoni f'Baku, anki jekk dan kien ksur, fuq il-post, abbażi tal-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tat-3 ta' Jannar 2006, li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-interpreti permanenti, temporanji u awżiljarji ta' din l-istituzzjoni. Għalhekk, il-fatt li hija ġiet ikkritikata għal dan l-aġir, inkluż fir-rapport ta' evalwazzjoni 2011, jirrifletti l-eżerċizzju, mill-Awtorità tal-Ħatra, tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha sabiex tevalwa l-kwalità tas-servizzi mogħtija mill-uffiċjali tagħha, iżda ma tindikax xi forma ta' fastidju, peress li barra minn hekk għandu jitfakkar li noti u evalwazzjonijiet kemm negattivi kif ukoll pożittivi li jinsabu f'rapport ta' evalwazzjoni ma għandhomx, fihom infushom, jitqiesu li huma indikazzjoni li l-imsemmi rapport ġie redatt sabiex ikun hemm fastidju psikoloġiku (ara s-sentenza Faita vs KESE, F-92/11, EU:F:2013:130, punt 90).

60 Bl-istess mod, mill-posta elettronika skambjata bejn ir-rikorrenti u l-Kap tad-Diviżjoni jirriżulta li r-rikorrenti effettivament ma uriet l-ebda flessibbiltà jew prevedibbiltà meta ma informatx lis-superjuri tagħha b'dak li hija kienet qed tirriskja li ma tipprovdix il-passaport tagħha fil-ħin sabiex tipparteċipa fil-missjoni f'Baku.

61 Il-kritiki li saru f'dan ir-rigward, mid-Direttur fin-nota tal-14 ta' Settembru 2011 u mill-Awtorità tal-Ħatra fir-rapport ta' evalwazzjoni 2011, ma jistgħux ikunu raġonevolment interpretati, minn osservatur imparzjali u raġonevoli, b'sensittività normali u li jitqiegħed fl-istess ċirkustanzi, bħala eċċessivi u kritikabbli. Għalhekk, ma jistgħux ikunu interpretati b'mod raġonevoli bħala xi forma ta' fastidju.

– Dwar l-inċident relatat mal-koordinazzjoni tal-volontarji għall-missjonijiet

62 Ir-rikorrenti tikkritika lill-Awtorità tal-Ħatra talli ma kkunsidratx, bħala prova ta' malafama li hija tallega li kienet suġġetta għaliha mill-Kap tad-Diviżjoni tagħha, il-fatt li din tal-aħħar, mingħajr ma avżat lir-rikorrenti, kienet ħabbret f'daqqa waħda, matul laqgħa tad-Diviżjoni tal-15 ta' Ġunju 2011, li din ma kinitx ser tibqa' iktar involuta fl-organizzazzjoni tal-missjonijiet, b'mod partikolari fil-koordinazzjoni tal-volontarji u l-kumpilazzjoni tal-istatistika relatata mal-parteċipazzjoni tad-Diviżjoni, anki jekk il-Kap tad-Diviżjoni kienet taf li r-rikorrenti kienet tħobb dan ix-xogħol li kien ġie fdat lilha mill-Kap tad-Diviżjoni preċedenti. F'dan ir-rigward, hi tenfasizza li, inizjalment, il-Kap tad-Diviżjoni ma kinitx immotivat id-deċiżjoni tagħha u li suċċessivament kienet tat raġunijiet differenti, jiġifieri l-fatt li hija xtaqet, fir-rwol tagħha bħala Kap tad-Diviżjoni, li ssir taf il-preferenzi tal-membri tad-Diviżjoni, fir-rigward ta' missjonijiet, imbagħad il-fatt li kien disponibbli software ġdid għall-istatistika u, fl-aħħar nett, waqt laqgħa konġunta bejn l-interpreti permanenti u oħrajn impjegati bħala interpreti tal-konferenza ("Joint staff – AIC meeting"), li kienet ħadet din id-deċiżjoni minħabba raġunijiet prattiċi.

63 F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għandu jfakkar, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li jgawdu minnha l-istituzzjonijiet fl-organizzazzjoni tad-dipartimenti tagħhom, li la d-deċiżjonijiet amministrattivi dwar kwistjonijiet li ġejjin mill-organizzazzjoni tad-dipartimenti, anki jekk dawn ikunu diffiċli biex ikunu aċċettati, u lanqas nuqqas ta' qbil mal-amministrazzjoni dwar dawn l-istess kwistjonijiet, ma jistgħu fihom infushom biss ikunu prova tal-eżistenza ta' fastidju psikoloġiku, b'mod partikolari meta, bħal f'dan il-każ, il-pożizzjoni adottata mis-superjuri taqa' preċiżament fil-funzjonijiet tagħhom ta' koordinazzjoni u ta' direzzjoni tad-diviżjoni (sentenza CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punt 98, u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Anki jekk, fid-dawl tal-ambjent stressanti fi ħdan id-diviżjoni, kien ikun ċertament iktar adattat, sabiex ikun evitat ukoll li jiżdied ir-risentiment tar-rikorrenti dwar id-diffikultajiet fir-relazzjoni ta' bejniethom, li kieku l-Kap tad-Diviżjoni avżatha wiċċ imb'wiċċ bid-deċiżjoni tagħha li ma tinvolvihiex iktar fl-organizzazzjoni tal-missjonijiet u li minn issa 'l quddiem din il-kwistjoni kienet ser tiġi amministrata minnha bħala Kap tad-Diviżjoni, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li tali deċiżjoni tista' tkun ippreżentata f'laqgħa tad-Diviżjoni, mingħajr ma din tikkostitwixxi, fiha nnifisha, att li jista' jkun ikklassifikat bħala fastidju psikoloġiku. Barra minn hekk, tali riorganizzazzjoni ta' kompiti, fuq kollox deċiż mill-Kap tad-Diviżjoni fi tmiem l-ewwel sena tagħha fil-kariga l-ġdida, jista' jidher, fl-għajnejn ta' osservatur imparzjali u raġonevoli, bħala eżerċizzju leġittimu ta' prerogattivi relatati ma' tali kariga.

– Fuq il-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011 u l-inċidenti sussegwenti relatati mal-adozzjoni tal-minuti ta' din il-laqgħa

65 Anki jekk, kif jenfasizza l-Parlament, kien biss fil-parti tar-rikors tagħha relatata mal-"[espożizzjoni tal-fatti li wasslu għall-kawża]" li r-rikorrenti esponiet li t-tilwim li hija, flimkien ma' CQ, kellha mal-Kap tad-Diviżjoni dwar il-kwistjoni tar-redazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011,

it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkonstata li r-rikorrenti ssostni, b'mod definittiv, li l-fatti fir-rigward ta' din il-kwistjoni, evalwati fid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza, jikkostitwixxu l-prova ta' fastidju psikoloġiku.

66 F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jfakkar qabel xejn li, anki jekk, ma jkunx eskluż li l-Kap tad-Diviżjoni setgħet aċċidentalment adottat ton mhux xieraq fil-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011, kliem jew ġesti b'mod aċċidentali, anki jekk dawn jistgħu jidhru mhux adattati, huma eskluži mill-kamp tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal (ara s-sentenza CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punt 95).

67 Fir-rigward tar-regoli ġenerali li jirregolaw l-emendi tal-abbozz tal-minuti tal-laqgħat, il-Kap tad-Diviżjoni indikat, fl-ittra elettronika tad-29 ta' Lulju 2011 bħala risposta tal-ittra elettronika tar-rikorrenti tat-28 ta' Lulju 2011, li kienet mibgħuta wkoll lill-membri kollha tad-Diviżjoni u li kkontestat il-kompetenza tal-Kap tad-Diviżjoni f'dan il-qasam, li skont il-prassi d-deċiżjoni dwar il-verżjoni finali tal-minuti taqa' fi ħdan il-Kap tad-Diviżjoni u li wara li tirritorna mill-vaganzi tas-sajf kienet ser tipprova tfittex jekk kienx hemm dispożizzjonijiet bil-miktub f'dan fir-rigward.

68 Sussegwentement, il-Kap tad-Diviżjoni spjegat il-prinċipji li jirregolaw l-adozzjoni tal-minuti tal-laqgħat tad-Diviżjoni fl-ittra elettronika tat-13 ta' Settembru 2011, indirizzata lid-Diviżjoni. Madankollu, permezz ta' ittra elettronika tas-6 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrenti rrepetiet it-talba tagħha sabiex il-kummenti approvati minn diversi parteċipanti fil-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011, fosthom hi stess, jitwaħħlu bħala anness mal-minuti tal-laqgħa. Permezz ta' ittra elettronika tas-7 ta' Ottubru 2011, il-Kap tad-Diviżjoni spjegatilha li hi kienet diġà tat ir-raġunijiet tar-rifjut tagħha li tinkludi l-imsemmija kummenti u talbitha tirrispetta d-deċiżjoni tagħha kif ukoll sabiex twaqqaf kull korrispondenza dwar dan is-suġġett.

69 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tikkunsidra li l-konvokazzjoni mid-Direttur, permezz ta' ittra elettronika tad-19 ta' Ottubru 2011, għal-laqgħa fl-uffiċċju tiegħu prevista fl-24 ta' Ottubru 2011, minkejja li f'dak il-ħin hija kienet qed twettaq funzjoni ta' interpretu ta' sessjoni parlamentari matul il-lejl, kienet prova supplimentari ta' fastidju peress li hija kienet diġà inkwetata bil-laqgħa preċedenti li hija kellha mad-Direttur dwar il-missjoni ta' Baku. Għal din ir-raġuni, filwaqt li kkonfermat, permezz ta' ittra elettronika tad-19 ta' Ottubru 2011, il-preżenza tagħha għal din il-laqgħa, ir-rikorrenti talbet lid-Direttur sabiex jindikalha r-raġunijiet għal din il-laqgħa, filwaqt li enfasizzat li l-laqgħa preċedenti tagħhom kienet esperjenza trawmatizzanti għaliha. L-għada, id-Direttur indikalha li huwa xtaq jiddiskuti magħha r-relazzjonijiet tagħha mal-Kap tad-Diviżjoni u mal-kollegi tad-Diviżjoni.

70 Waqt il-laqgħa tal-24 ta' Ottubru 2011, li saret fil-preżenza tal-Kap tad-Diviżjoni u li ġiet irreġistrata permezz ta' nota fil-fajl personali tar-rikorrenti, id-Direttur talabha sabiex tikkonforma ruħha mad-deċiżjonijiet tal-Kap tad-Diviżjoni, u sabiex ma tibdiex diskussjonijiet interni fi ħdan id-Diviżjoni permezz ta' posta elettronika, iżda li minflok tiftaħ djalogu bilaterali mal-Kap tad-Diviżjoni tagħha, kif ukoll sabiex ma tibqax issemmi l-kwistjoni tar-redazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011.

71 F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għandu jerġa' jfakkar mill-ġdid li, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li jgawdu minnha l-istituzzjonijiet fl-organizzazzjoni tad-dipartimenti tagħhom, la d-deċiżjonijiet amministrattivi dwar kwistjonijiet li ġejjin mill-organizzazzjoni tad-dipartimenti, anki jekk dawn ikunu diffiċli biex ikunu aċċettati, u lanqas in-nuqqas ta' qbil mal-amministrazzjoni dwar dawn l-istess kwistjonijiet ma jistgħu fihom infushom biss ikunu prova tal-eżistenza ta' fastidju psikoloġiku (sentenza CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punt 98, u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan il-każ, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li l-pożizzjoni adottata mill-Kap tad-Diviżjoni dwar il-kwistjoni tal-verżjoni finali tal-minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011 kienet taqa' preċiżament fil-funzjonijiet tagħha ta' koordinazzjoni u ta' direzzjoni tad-Diviżjoni.

72 Fir-rigward tal-laqgħa tal-24 ta' Ottubru 2011, din setgħet faċilment tidher, mill-perspettiva ta' osservatur imparzjali u raġonevoli, bħala tentattiv finali tas-superjuri sabiex titwaqqaf il-posta elettronika li kienet qed tintbagħat mir-rikorrenti, prinċiparjament waqt il-ħin normalment iddedikat għax-xogħol ta' interpretazzjoni u ta' preparazzjoni għas-sessjonijiet ta' interpretazzjoni, kif ukoll għad-diversi kontroversji relatati mar-redazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011.

73 Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li d-Direttur kien qalilha li l-Kap tad-Diviżjoni għandu dejjem raġun u jrid ikun obdut, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jirrileva li r-rikorrenti ma tipprovdi l-ebda prova li turi li din id-dikjarazzjoni saret fil-verità, it-ton jew iktar u iktar in-natura ta' din id-dikjarazzjoni u li, fi kwalunkwe każ, huwa inerenti għall-funzjonament ta' amministrazzjoni li din tkun tista' tiddeċiedi kwistjonijiet bħal dawk relatati mal-adozzjoni ta' minuti jew mal-mezzi ta' komunikazzjoni li għandhom jintużaw bejn il-membri tad-diviżjoni amministrattiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza CW vs Il-Parlament, EU:F:2014:186, punt 123), b'mod partikolari fil-preżenza ta' sitwazzjonijiet ta' mġiba mhux xierqa li tirriżulta minn kunflitti personali.

74 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li l-avvenimenti li wasslu għall-adozzjoni tal-minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011 ma jissodisfawx id-definizzjoni tal-fastidju psikoloġiku, iżda jirriflettu, fil-verità, sitwazzjoni kunflittwali interna f'dipartiment amministrattiv, li għaliha r-rikorrenti tat il-kontribut tagħha u li l-amministrazzjoni pprovat tirrimedja billi tikkunsidra kemm l-eżiġenzi tad-dipartiment kif ukoll is-sensittività tar-rikorrenti.

– Dwar l-inċident marbut mal-grupp ta' ħidma dwar it-taħriġ professjonali

75 Wara n-nomina tagħha, fuq talba tagħha, sabiex tirrappreżenta lill-grupp Ċek fil-grupp ta' ħidma dwar it-taħriġ ("Training Working Party"), fit-30 ta' Awwissu 2011, ir-rikorrenti ntalbet mill-Kap tad-Diviżjoni, sabiex wara kull laqgħa tgħaddilha l-informazzjoni relatata mal-konklużjonijiet tal-grupp ta' ħidma. Skont ir-rikorrenti, fil-prattika dan kien ifisser kontroll minn qabel mill-Kap tad-Diviżjoni tas-sommarju tal-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-grupp ta' ħidma qabel ma jiġi kkomunikat mir-rikorrenti lill-kollegi l-oħra tad-Diviżjoni.

76 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li, peress li la l-kollega ta' qabilha f'din il-kariga, f'dan il-każ CQ, kif ukoll dik li daħlet minflokha f'din il-kariga, ma kienu obbligati jiksbu permess minn qabel mill-Kap tad-Diviżjoni qabel ma jikkomunikaw l-informazzjoni miġbura waqt il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma kif ukoll il-konklużjonijiet tal-imsemmi grupp lill-bqija tad-Diviżjoni, il-Kap tad-Diviżjoni kienet abbużat mill-awtorità tal-pożizzjoni tagħha. Dan l-inċident għalhekk huwa eżempju ieħor tal-fastidju psikoloġiku fir-rigward tagħha.

77 F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkonstata li, b'mod ġenerali, id-deċiżjoni tal-Kap tad-Diviżjoni li tieħu konjizzjoni tal-informazzjoni miġbura mil-laqgħat ta' grupp ta' ħidma dwar it-taħriġ mir-rappreżentant tal-kabina Ċeka qabel ma tintbagħat lid-Diviżjoni kollha, kienet fil-prerogattivi tagħha bħala Kap tad-Diviżjoni u, f'dan il-każ, kien kompletament mifhum, fid-dawl tar-riskju li, kif kien ġara fil-passat, it-tixrid ta' informazzjoni żbaljata tista' ttellef il-funzjonament tajjeb tad-Diviżjoni (ara s-sentenza CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punti 102 sa 104), riskju li seta' jiżdied f'każ ta' persuna li kienet għadha qed tiġi nnominata u ġdida f'dik il-kariga, bħar-rikorrenti.

78 Il-fatt li s-suċċessur tar-rikorrenti fil-grupp ta' ħidma dwar it-taħriġ ma kinitx, min-naħa tagħha, suġġetta għall-kontroll minn qabel tal-kontenut tal-informazzjoni li din il-persuna kienet awtorizzata li twassal direttament lid-Diviżjoni fi tmiem il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma ma huwiex rilevanti, peress li, kif sostna l-Parlament, dan il-grupp ta' ħidma issa jaddotta minuti tal-laqgħat tiegħu, li fihom infushom huma sors ta' informazzjoni affidabbli u mhux ambigwa, indipendentement mir-rapport li jista' jsir mir-rappreżentant tad-Diviżjoni fi ħdan dan l-istess grupp ta' ħidma.

79 Minn dan jirriżulta li, billi talbet l-opportunità li tkun tista' tistħarreġ minn qabel l-informazzjoni li r-rikorrenti kellha l-ħsieb li twassal lill-membri tad-Diviżjoni b'rabta mad-diskussjonijiet fil-kuntest tal-grupp ta' ħidma dwar it-taħriġ, il-Kap tad-Diviżjoni baqgħet fil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha. Fi kwalunkwe każ, tali deċiżjoni, anki jekk din setgħet ma togħġobx lir-rikorrenti, bl-ebda mod ma twassal għal fastidju psikoloġiku.

– Dwar il-fatti marbuta mas-seminar ta' taħriġ tal-24 ta' Novembru 2011

80 Imsejħa sabiex tipparteċipa f'seminar ta' taħriġ bħala kap ta' tim, ir-rikorrenti staqsiet lill-Kap tad-Diviżjoni tagħha x'kienu jikkonsistu eżattament ir-rwol u r-responsabbiltajiet tagħha f'dan is-seminar. Permezz ta' risposta b'ittra elettronika tat-23 ta' Novembru 2011, il-Kap tad-Diviżjoni stednitha sabiex tikkonsulta s-sezzjoni relatata tas-sit intranet magħruf bħala EPIweb. Wara li għamlet dan, ir-rikorrenti reġgħet staqsiet mill-ġdid lill-Kap tad-Diviżjoni x'kienu d-doveri tagħha bħala kap tat-tim matul is-seminar, għaliex l-istruzzjonijiet li kienu jidhru fis-sit intranet EPIweb ma kienu jagħtu l-ebda indikazzjoni dwar dan is-suġġett. Mill-posta elettronika segwenti skambjata bejn ir-rikorrenti u l-Kap tad-Diviżjoni jirriżulta li, essenzjalment ma kien hemm l-ebda istruzzjoni partikolari dwar dan is-suġġett fis-sit intranet EPIweb u li l-Kap tad-Diviżjoni kienet issodisfatta bil-fatt li r-rikorrenti kienet ħadet konoxxenza tar-regoli relatati mal-funzjonijiet tagħha bħala kap tat-tim, filwaqt li r-rikorrenti kkritikat lill-Kap tad-Diviżjoni li din ma kinitx qaltilha mill-bidu li ma kien hemm l-ebda regola dwar is-suġġett, u talli ħeġġitha tikkonsulta għal xejn is-sit intranet EPIweb.

81 F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma jiddeduċi xejn mill-kontenut tal-posta elettronika msemmija iktar 'il fuq mill-Kap tad-Diviżjoni, ippreżentata bħala anness mar-rikors, li dawn jistgħu jikkostitwixxu att jew aġir li jista' jissodisfa d-definizzjoni tal-fastidju psikoloġiku mogħtija fir-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, minbarra l-fatt li t-ton adottat mill-Kap tad-Diviżjoni kien xieraq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li, fi kwalunkwe każ, il-Kap tad-Diviżjoni setgħet b'mod korrett tistieden lir-rikorrenti sabiex tikkonsulta t-taqsima tas-sit intranet EPIweb relatata mal-kapijiet tat-timijiet, b'mod partikolari fid-dawl tal-ksur tar-regolamenti applikabbli li r-rikorrenti kienet uriet qabel u li dwarhom kien sar riferiment fir-rapport ta' evalwazzjoni 2011. Min-naħa l-oħra, ma huwiex eskluż li osservatur imparzjali u raġonevoli seta' jara, fir-risposti tar-rikorrenti fil-posta elettronika lill-Kap tad-Diviżjoni ċerta tendenza tar-rikorrenti li tfittex kunflitt mas-superjur tagħha.

– Dwar il-fatti marbuta mat-talba għall-parteċipazzjoni f'kors universitarju tas-sajf tal-2012

82 Fis-16 ta' Settembru 2011, il-Kap tad-Diviżjoni kkomunikat mal-persunal tad-Diviżjoni l-kriterji stabbiliti mill-amministrazzjoni għas-selezzjoni tal-applikanti għall-kors tal-Ingliż, bħala lingwa passiva ("lingwa C"), organizzat fl-Irlanda matul is-sajf 2012. Minn dan jirriżulta li l-kors kien organizzat għall-"kollegi ġodda jew għall-kollegi li [kienu] riċentament żiedu l-Ingliż bħala lingwa passiva]" fit-taħlita lingwistika tagħhom.

83 Fit-22 ta' Settembru 2011, ir-rikorrenti informat lill-Kap tad-Diviżjoni li hija kienet interessata f'dan il-kors tal-Ingliż. Fir-risposta tagħha tal-istess ġurnata, il-Kap tad-Diviżjoni, filwaqt li rreferiet għall-kriterji diġà kkomunikati, fakkret li l-kors kien intiż għall-"kollegi ġodda jew għall-kollegi li [kienu] riċentament żiedu l-Ingliż bħala lingwa passiva]" fit-taħlita lingwistika tagħhom, filwaqt li r-rikorrenti kellha l-Ingliż bħala lingwa attiva ("lingwa B") u li hija ma kinitx għadha meqjusa bħala kollega ġdida.

84 Wara li ġew iċċirkolati, mill-Kap tad-Diviżjoni, il-minuti tal-laqgħa li saret fil-21 ta' Novembru 2011, ir-rikorrenti saret taf li tnejn mill-kollegi tagħha li kellhom, bħalha, l-Ingliż bħala lingwa attiva kienu ntagħżlu għal kors universitarju tas-sajf. Permezz ta' ittra elettronika tal-14 ta' Diċembru 2011, ir-rikorrenti talbet spjegazzjonijiet lill-Kap tad-Diviżjoni, b'mod partikolari sabiex tkun taf jekk ir-regoli rigward il-parteċipazzjoni f'korsijiet universitarji tas-sajf kinux inbiddlu. Permezz ta' ittra elettronika tal-15 ta' Diċembru 2011, il-Kap tad-Diviżjoni kkonfermat lir-rikorrenti li l-persuni kollha

aċċettati għall-korsijiet universitarji tas-sajf kienu kollha jissodisfaw il-kriterji adottati mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Interpretazzjoni u Konferenzi" (iktar 'il quddiem id-"Direttur Ġenerali"), li ma nbidlux, u li l-lista tal-parteċipanti għas-sajf 2012 kienet ġiet approvata mid-Direttur Ġenerali. F'posta elettronika bħala risposta fl-istess ġurnata, ir-rikorrenti spjegat b'mod partikolari li d-deċiżjoni tagħha li taqleb għal kors universitarju tas-sajf fil-Franċiż bħala lingwa passiva kienet minħabba l-fatt li l-Kap tad-Diviżjoni kienet irrifjutat li tirreġistraha għal kors universitarju tas-sajf fl-Ingliż. Barra minn hekk, reġgħet talbet lill-Kap tad-Diviżjoni tagħtiha spjegazzjonijiet dwar l-għażla tal-parteċipanti fil-korsijiet universitarji tas-sajf. Permezz ta' ittra elettronika tas-16 ta' Diċembru 2011, il-Kap tad-Diviżjoni enfasizzat b'mod partikolari li, fir-rigward tat-talba tagħha ta' parteċipazzjoni f'kors universitarju tas-sajf fil-lingwa Ingliża u filwaqt li uriet dispjaċir li r-rikorrenti kienet interpretat ħażin il-proposti tagħha, din tal-aħħar ma kinitx tissodisfa la l-kriterju marbut mad-dħul fil-kariga reċenti u lanqas dak li huwa relatat maż-żieda reċenti tal-lingwa inkwistjoni. Filwaqt li indikat, li ma kellha xejn iktar x'iżżid, il-Kap tad-Diviżjoni stednitha tkellem lid-Direttur jekk ma kinitx issodisfatta bis-sitwazzjoni. Fir-risposta tagħha mibgħuta fl-istess ġurnata, ir-rikorrenti informat lill-Kap tad-Diviżjoni li, "kuntrarjament għal dak li tagħmel [il-Kap tad-Diviżjoni] hi ma kinitx ser tkellem lid-Direttur sempliċement għaliex ma kinitx qed taqbel ma' dak li [l-Kap tad-Diviżjoni] kienet qed tagħmel u l-mod ta' kif kienet qed tagħmlu" u li, "għal darba oħra, [hija tixtieq titlobha] tispjega d-dikjarazzjoni [tagħha] li [ż-żewġ] kollegi [l-oħra] […] kienu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mid-Direttur Ġenerali meta s-sitwazzjoni tagħhom [kienet] identika għal [tagħha]". Fin-nuqqas ta' risposta mill-Kap tad-Diviżjoni, ir-rikorrenti reġgħet mill-ġdid talbet spjegazzjoni dwar il-kriterji applikabbli permezz ta' ittra elettronika tal-11 ta' Jannar 2012.

85 Matul laqgħa tad-Diviżjoni tat-13 ta' Jannar 2012, li fiha pparteċipaw il-maġġoranza tal-membri tad-Diviżjoni, kif ukoll ir-rikorrenti, il-Kap tad-Diviżjoni ddikjarat li membru tad-Diviżjoni kien qed jikkontesta l-fatt li hija kienet applikat b'mod korrett il-kriterji tas-selezzjoni għall-korsijiet universitarji tas-sajf. Il-Kap tad-Diviżjoni għalhekk kellha tiġġustifika għalfejn hija kienet ikkunsidrat li ż-żewġ kollegi tad-Diviżjoni magħżula għall-kors tal-lingwa Ingliża, li kienu appuntati fl-2009, kienu jissodisfaw il-kriterju marbut ma' nomina reċenti. Ir-rikorrenti tkellmet f'dan l-istadju u osservat li kien dibattibbli kemm nomina f'kariga fl-2009 tista' titqies li hija "riċenti". Madankollu, hija indikat li hija setgħet taċċetta l-perspettiva tal-Kap tad-Diviżjoni dwar dan il-punt, iżda fl-istess ħin esprimiet id-dubji tagħha dwar l-interpretazzjoni tal-kriterji l-oħra.

86 Permezz ta' ittra elettronika tas-17 ta' Jannar 2012 mibgħuta lill-membri kollha tad-Diviżjoni, il-Kap tad-Diviżjoni xtaqet tikkjarifika diversi punti wara l-laqgħa tad-Diviżjoni tat-13 ta' Jannar. F'dan il-kuntest, hija enfasizzat b'mod partikolari li, għall-kuntrarju ta' dak li kienet allegat ir-rikorrenti, jiġifieri li hija kienet injorat il-kriterji applikabbli għall-parteċipazzjoni f'korsijiet universitarji tas-sajf, hija kienet applikat b'mod kompletament korrett l-imsemmija kriterji meta aċċettat l-applikazzjoni taż-żewġ kollegi tad-Diviżjoni li daħlu fl-2009. Il-Kap tad-Diviżjoni enfasizzat li, fi kwalunkwe każ, skont l-imsemmija kriterji, ir-rikorrenti ma setgħetx tipparteċipa fil-kors universitarju tas-sajf bl-Ingliż. Ir-rikorrenti rrispondiet għal din l-ittra elettronika tal-Kap tad-Diviżjoni permezz ta' ittra elettronika, indirizzata wkoll lill-membri kollha tad-Diviżjoni, tat-18 ta' Jannar 2012.

87 F'ittra elettronika mibgħuta lir-rikorrenti u li fiha kien ikkopjat ukoll id-Direttur, fid-19 ta' Jannar 2012, il-Kap tad-Diviżjoni kkontestat l-interpretazzjoni tal-avvenimenti magħmula mir-rikorrenti u fakkritha b'mod partikolari fl-obbligu li jirriżulta mir-Regolamenti tal-Persunal li tirrispetta d-deċiżjonijiet adottati mis-superjuri tagħha, b'mod partikolari fid-dawl tal-pożizzjoni tagħha bħala uffiċjal anzjan. Permezz ta' posta elettronika tal-20 ta' Jannar 2012 mibgħuta lill-Kap tad-Diviżjoni u li fiha kien ikkopjat id-Direttur, ir-rikorrenti rrikonoxxiet li hija "[kienet] għam[let] żball", peress li hija "[kienet] verament [ħasbet], fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-korsijiet universitarji tas-sajf fl-Irlanda, li [hija kienet] fl-istess sitwazzjoni li kienu fiha ż-żewġ kollegi l-oħra li kellhom l-Ingliż bħala [lingwa attiva]". Ir-rikorrenti uriet lill-Kap tad-Diviżjoni li hija "[xtaqet t]iskuża ruħ[ha] dwar dan".

88 Permezz ta' nota tal-1 ta' Frar 2012, imsemmija fil-punt 12 ta' din is-sentenza u li ngħatat bl-idejn lir-rikorrenti, id-Direttur informaha dwar id-diżappunt tiegħu fir-rigward tal-imġieba tagħha. B'mod partikolari, huwa enfasizza li hija ma kinitx imxiet mal-istruzzjonijiet tiegħu, ifformalizzati u mfakkra f'ittra elettronika tal-24 ta' Ottubru 2011, jiġifieri, b'mod partikolari, li jkunu rreferuti lilu diverġenzi fl-opinjoni mal-Kap tad-Diviżjoni tagħha u li tevita li tibgħat posta elettronika lid-Diviżjoni kollha. Fid-dawl tal-Artikoli 12, 12a u 21 tar-Regolamenti tal-Persunal, f'din in-nota d-Direttur ikkunsidra li l-aġir tar-rikorrenti kien jikkostitwixxi prova serja ta' nuqqas ta' lealtà fil-konfront tas-superjuri tagħha. F'dan ir-rigward, huwa taha l-istruzzjoni formali li tibgħat ittra elettronika lid-Diviżjoni sabiex tiskuża ruħha mal-Kap tad-Diviżjoni, l-ewwel nett, talli bagħtet l-ittra elettronika tagħha tat-18 ta' Jannar 2012, it-tieni nett, talli, skorrettament, iddikjarat li l-Kap tad-Diviżjoni ma kinitx applikat b'mod korrett il-kriterji ta' selezzjoni għall-parteċipazzjoni fil-korsijiet universitarji tas-sajf u, it-tielet nett, talli ddikjarat li l-Kap tad-Diviżjoni ma kinitx irrispondiet il-posta elettronika tagħha. Id-Direttur fakkarha wkoll li ma kellux għalfejn jgħidilha li għandha tastjeni, minn naħa waħda, li tinvolvi mill-ġdid lill-kollegi tagħha fit-tilwim mal-Kap tad-Diviżjoni u, min-naħa l-oħra, li tibgħat posta elettronika lid-Diviżjoni kollha.

89 Permezz ta' ittra elettronika tal-4 ta' Frar 2012, ir-rikorrenti ppreżentat, f'erba' paġni, l-osservazzjonijiet tagħha fuq in-nota tal-1 ta' Frar 2012. Fiha hija kkritikat lill-Kap tad-Diviżjoni li ma kinitx kapaċi tevita li dan l-iskambju bil-posta elettronika jeskala, b'mod partikolari għaliex tikkomunika b'mod ambigwu u goff, ħaġa li wasslitha sabiex titlob iktar spjegazzjonijiet, anki jekk dan seta' jitqies li huwa sinjal ta' ras iebsa min-naħa tagħha. Ir-rikorrenti bdiet l-osservazzjonijiet tagħha billi "[tirrepeti] għal darba oħra kemm [kienet] ddispjaċuta b'din is-sitwazzjoni […] li [kibret] b'mod sproporzjonat", filwaqt li enfasizzat li "[hija] ma [kinitx] akkużat lill-[Kap tad-Diviżjoni] bi ksur jew li ma applikatx b'mod korrett il-kriterji għall-korsijiet universitarjiet tas-sajf [tal-lingwa Ingliża] ([lingwa] C)". F'nota ta' sitt paġni bid-data tal-10 ta' Frar 2012, id-Direttur irrisponda għall-osservazzjonijiet tar-rikorrenti, b'mod partikolari dwar dawk li jikkonċernaw l-eżattezza tat-traduzzjonijiet għall-Ingliż tal-posta elettronika mill-lingwa Ċeka li kienu ġew skambjati bejnha u bejn il-Kap tad-Diviżjoni. Imbagħad sar skambju ta' posta elettronika bejn ir-rikorrenti u d-Direttur b'mod partikolari dwar it-talba tar-rikorrenti sabiex tkun tista' tipprovdi t-traduzzjoni tagħha stess bil-lingwa Ingliża tal-imsemmija posta elettronika, talba li finalment id-Direttur aċċetta. Minkejja dan, permezz ta' ittra elettronika tal-15 ta' Frar 2012, id-Direttur indika lir-rikorrenti li l-ispjegazzjonijiet tagħha ma kinux ikkonvinċewh u ddeplora l-fatt li din il-korrispondenza elettronika voluminuża kienet ħadet ħafna ħin tax-xogħol mhux biss lir-rikorrenti kif ukoll lill-Kap tad-Diviżjoni tagħha, iżda wkoll, minn meta ġie involut hu, anki lilu fil-kwalità tiegħu ta' Direttur. Għalhekk huwa sostna l-istruzzjonijiet li ta fin-nota tiegħu tal-1 ta' Frar 2012.

90 Wara li daħlet minn perijodu ta' leave tal-mard, ir-rikorrenti rrispondiet lid-Direttur permezz ta' ittra elettronika tas-16 ta' Frar 2012. Hija reġgħet semmiet il-kwistjoni tal-eżattezza tat-traduzzjonijiet tal-posta elettronika tal-lingwa Ċeka skambjati mal-Kap tad-Diviżjoni u kkontestat l-istruzzjoni tad-Direttur li titlob skuża. Permezz ta' ittra elettronika l-għada, id-Direttur irrepeta l-istruzzjonijiet tiegħu sabiex ir-rikorrenti tiskuża ruħha permezz ta' posta elettronika indirizzata lill-membri kollha tad-Diviżjoni, lill-Kap tad-Diviżjoni u lilu u indika li, f'każ ta' rifjut li ssegwi dawn l-istruzzjonijiet, huwa kien ser jibda mingħajr dewmien proċedura dixxiplinari. Fl-20 ta' Frar 2012, it-tabib tar-rikorrenti taha ċertifikat ta' mard sat-2 ta' Marzu 2012. Fid-29 ta' Frar 2012, id-Direttur bagħat ittra elettronika lir-rikorrenti li fiha huwa rrepeta, b'ton ta' theddid, l-istruzzjonijiet tiegħu u enfasizza li, minkejja l-leave tal-mard f'dawn id-dati, hija kienet intlemħet fil-Parlament fl-20 u fit-22 ta' Frar 2012, b'tali mod li hija kienet f'pożizzjoni li setgħet teżegwixxi l-istruzzjonijiet tiegħu sabiex tibgħat ittra elettronika ta' skuża ta' tliet linji. Id-Direttur indika li, jekk huwa ma jirċevix l-ittra elettronika mitluba f'dik l-istess ġurnata, huwa kien ser jibda proċedura dixxiplinari.

91 It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qabel xejn jikkonstata li, b'mod partikolari fl-ittra elettronika tagħha tal-20 ta' Jannar 2012, ir-rikorrenti kienet ammettiet li hija ma kinitx fehmet li ma kinitx fl-istess sitwazzjoni bħaż-żewġ kollegi li kienu ġew magħżula sabiex jipparteċipaw fil-korsijiet universitarji tas-sajf fl-Irlanda u, essenzjalment, skużat ruħha f'dan ir-rigward. Mill-proċess jirriżulta li wara,

ir-rikorrenti reġgħet indebitament ikkontestat pubblikament l-awtorità u l-kredibbiltà tas-superjur direttagħha, jiġifieri l-Kap tad-Diviżjoni, matul il-laqgħa tad-Diviżjoni tat-13 ta' Jannar 2012 u li, fl-ittra elettronika tagħha lill-Kap tad-Diviżjoni tat-18 ta' Jannar 2012, ikkopjata lill-membri kollha tad-Diviżjoni, reġgħet ikkritikat lill-Kap tad-Diviżjoni. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, li fihom ir-rikorrenti b'mod ċar ma obdietx l-istruzzjoni tad-Direttur sabiex tieqaf tikkomunika permezz ta' posta elettronika indirizzata lil diversi destinatarji u sabiex tirreferi lilu f'każ ta' tilwim mal-Kap tad-Diviżjoni, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li, fil-prinċipju, l-ordni tad-Direttur sabiex ir-rikorrenti tiskuża ruħha mal-istess pubbliku kienet fil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu fl-immaniġġar tad-dipartimenti tiegħu. B'mod partikolari, fid-dawl tal-akkużi bla bażi kontra l-Kap tad-Diviżjoni fid-Diviżjoni u fil-konfront tas-superjur tagħha, jiġifieri d-Direttur, dan tal-aħħar seta' jeżiġi, bl-istess mod, li l-iskużi li r-rikorrenti kienet diġà kkomunikat lill-Kap tad-Diviżjoni jintbagħtu wkoll lill-membri tad-Diviżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Nanopoulos vs Il-Kummissjoni, F-30/08, EU:F:2010:43, punt 247).

92 Fir-rigward tal-fatt li d-Direttur sostna mill-ġdid l-istruzzjoni tiegħu sabiex tintbagħat ittra elettronika ta' skuża lid-Diviżjoni kollha matul il-perijodu li matulu r-rikorrenti kienet fuq leave tal-mard u li huwa kien heddidha, f'dan il-kuntest, li jibda proċedura dixxiplinari jekk ma kinitx ser tobdi immedjatament, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkonstata li l-ittra elettronika kkontestata, bid-data tad-29 ta' Frar 2012 fit-8.03, intbagħtet fuq l-indirizz elettroniku professjonali tar-rikorrenti, li din setgħet tiċċekkja mid-dar tagħha; li r-rikorrenti marret fuq il-post tax-xogħol matul l-imsemmi leave tal-mard; li l-manuvra tad-Direttur kienet ibbażata b'mod ċar fuq l-idea li r-rikorrenti kienet ser taċċessa din l-ittra elettronika fuq il-post tax-xogħol jew mid-dar tagħha jekk kienet tqis utli li tikkonsulta l-posta elettronika tagħha, sabiex, indipendentement mill-fatt li hija kienet fuq leave tal-mard, jagħtiha l-opportunità tibgħat ittra elettronika qasira ta' skuża fir-rigward tal-inċidenti marbuta mas-selezzjoni għall-korsijiet universitarji tas-sajf u sabiex tagħlaq dan l-inċident fi ħdan id-Diviżjoni. Fi kwalunkwe każ, minkejja n-nuqqas ta' risposta tar-rikorrenti, id-Direttur ma wettaqx it-theddida tiegħu li jibda proċedura dixxiplinari li, għalhekk dehret li kienet iktar bħala tentattiv ieħor sabiex tintemm posta elettronika voluminuża ta' spjegazzjonijiet tar-rikorrenti li kienu qed jikkawżaw ħsara għall-funzjonament tajjeb tad-Diviżjoni.

93 Fid-dawl ukoll tal-fatt li d-Direttur, fl-ittra elettronika tiegħu tas-17 ta' Frar 2012, filwaqt li għamel suġġeriment testwali għall-ittra elettronika ta' skuża, ħalla lir-rikorrenti fil-libertà li tifformula l-iskużi tagħha, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li, fir-rigward tar-ras iebsa tar-rikorrenti u tat-tendenza tagħha li tikkontesta d-deċiżjonijiet tal-Kap tad-Diviżjoni tagħha, osservatur imparzjali u raġonevoli, b'sensittività normali u li jitqiegħed fl-istess ċirkustanzi, ma jikkunsidrax il-manuvra tad-Direttur eċċessiva jew li tista' tiġi kkritikata u lanqas jara fiha att li jaqa' taħt il-kunċett ta' fastidju psikoloġiku, iżda iktar bħala tentattiv sabiex jirregola membru tal-persunal li l-aġir tiegħu kien qed jikkompromettiil-funzjonament tajjeb tad-dipartiment. Barra minn hekk, il-kontestazzjoni, mir-rikorrenti, tal-fondatezza tal-parteċipazzjoni fil-korsijiet universitarji tas-sajf taż-żewġ kollegi tagħha, li kienu ġew appuntati reċentement f'diviżjoni b'numru żgħir ta' uffiċjali, ma turix spirtu kbir ta' tim.

94 Fl-aħħar nett, anki jekk it-ton ta' ċerta posta elettronika seta' jidher serju ħafna, ir-reazzjonijiet eventwalment eżasperati tas-superjuri tagħha għandhom, fi kwalunkwe każ, jitqiesu li huma skużabbli fir-rigward tal-aġir tar-rikorrenti (ara s-sentenza Fonzi vs Il-Kummissjoni, 27/64 u 30/64, EU:C:1965:73, p. 640).

– Fuq il-fatti relatati mal-adozzjoni tal-minuti tal-laqgħa tat-13 ta' Jannar 2012

95 Wara l-laqgħa tad-Diviżjoni tat-13 ta' Jannar 2012, imsemmija fil-punt 85 ta' din is-sentenza, fit-13 ta' Frar 2012 intbagħat abbozz tal-minuti ta' din il-laqgħa lill-membri tad-Diviżjoni. Permezz ta' ittra elettronika tal-20 ta' Frar 2012, ir-rikorrenti staqsiet lill-Kap tad-Diviżjoni jekk kienx hemm terminu stabbilit sabiex tippreżenta osservazzjonijiet. F'ittra elettronika tal-istess ġurnata, il-Kap

tad-Diviżjoni ġibditilha l-attenzjoni li kellha diġà l-opportunità ta' ġimgħa sabiex tagħmel il-kummenti tagħha, iżda tatha terminu sal-24 ta' Frar 2012 sabiex tissottomettilha l-osservazzjonijiet eventwali tagħha.

96 Ir-rikorrenti tilmenta dwar il-fatt li l-Kap tad-Diviżjoni ma llimitatx ruħha sabiex tagħtiha terminu sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-abbozz tal-minuti tal-laqgħa inkwistjoni, iżda li, għall-kuntrarju, ħatfet l-okkażjoni sabiex "tippriedkalha", minkejja li, skont il-prinċipji li jirregolaw l-adozzjoni tal-minuti tal-laqgħat tad-Diviżjoni, ikkommunikati mill-Kap tad-Diviżjoni, dawn il-minuti għandhom jiġu approvati fil-laqgħa segwenti meta ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni.

97 F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma jiddeduċi xejn fl-ittra elettronika msemmija hawn fuq tal-Kap tad-Diviżjoni li jista' jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fir-Regolamenti tal-Persunal ta' fastidju psikoloġiku. Barra minn hekk, anki jekk, il-Kap tad-Diviżjoni setgħet użat kliem li jitqiesu li huma sarkastiċi mir-rikorrenti, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li, billi għamlet dan hija ma qabżitx il-linja għal kritika mhux raġonevoli, fid-dawl, b'mod partikolari, tat-tilwim u t-tendenza għall-kontestazzjoni li r-rikorrenti uriet fir-rigward tal-adozzjoni ta' minuti oħrajn, jiġifieri dawk tal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011.

– Dwar il-fatti relatati mat-tneħħija tal-funzjonijiet sekondarji ta' interpretu

98 Permezz ta' nota tad-29 ta' Marzu 2012, imsemmija fil-punt 14 ta' din is-sentenza, id-Direttur informa lir-rikorrenti li, fid-dawl tal-istat ta' saħħa reċenti tagħha, ikun aħjar jekk minn issa 'l quddiem tikkonċentra fuq id-doveri tagħha ta' interpretazzjoni fi Brussell u fi Strasbourg (Franza), jiġifieri x-xogħol fil-kabina, il-preparazzjoni ta' laqgħat u t-tkomplija ta' korsijiet tal-lingwa. Għall-kuntrarju, fir-rigward ta' doveri oħra, b'mod partikolari, dawk li jinvolvu missjonijiet barra mit-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament u l-parteċipazzjoni f'kors ta' taħriġ għal min iħarreġ ("Training the Trainers"), id-Direttur iddeċieda li hija kellha, fil-preżent, tissospendihom.

99 Permezz ta' ittra elettronika tat-13 ta' April 2012, ir-rikorrenti uriet li kienet sorpriża u stiednet lid-Direttur sabiex jerġa' jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward, b'mod partikolari għaliex skont it-tabib tagħha hija kienet irkuprat kompletament u setgħet tkompli bid-doveri professjonali tagħha mid-29 ta' Marzu 2012. Permezz ta' ittra elettronika tal-20 ta' April 2012, id-Direttur irrispondiha li huwa kien ħa deċiżjoni tiegħu fl-interess tar-rikorrenti, u dan wara konsultazzjoni mad-dipartiment mediku tal-Parlament u bi qbil miegħu. Huwa indika f'dan ir-rigward li s-sitwazzjoni terġa' tiġi evalwata wara perijodu ta sitt xhur.

100 Wara li r-rikorrenti talbet spjegazzjonijiet dwar dan lid-dipartiment mediku tal-Parlament, dan tal-aħħar informaha, essenzjalment, li ma kienx jikkomunika informazzjoni jew pariri relatati mal-istat ta' saħħa tal-uffiċjali lill-amministrazzjoni. Permezz ta' ittra elettronika tat-23 ta' Ottubru 2012, ir-rikorrenti reġgħet staqsiet mill-ġdid lid-Direttur sabiex jerġa' jevalwa d-deċiżjoni li tirrigwarda l-funzjonijiet sekondarji tagħha bħala interpretu. Mill-proċess jirriżulta li, essenzjalment, wara laqgħa mar-rikorrenti fis-27 ta' Novembru 2012, id-Direttur għamel bħala kundizzjoni għall-għoti mill-ġdid tal-funzjonijiet sekondarji tagħha lir-rikorrenti l-fatt li hija tiskuża ruħha mal-Kap tad-Diviżjoni, permezz ta' ittra elettronika mibgħuta lid-Diviżjoni kollha, kif kien eżiġa fin-nota tal-1 ta' Frar 2012. Permezz ta' ittra elettronika tal-25 ta' Jannar 2013, ir-rikorrenti informat lid-Direttur li hija ma setgħetx tobdi l-istruzzjoni tiegħu għall-istess raġunijiet li hija, diġà u għal diversi drabi, esponiet kemm lilu kif ukoll lill-Kap tad-Diviżjoni. Permezz ta' ittra elettronika tal-31 ta' Jannar 2013 bħala risposta, id-Direttur spjega lir-rikorrenti li kien biżżejjed li hija tiskuża ruħha sabiex ittemm is-sitwazzjoni deskritta minnha stess bħala umiljanti u insapportabbli. Barra minn hekk, huwa kkritika lir-rikorrenti talli talbet lid-delegazzjoni ta' interpreti uffiċjali (DELINT – Staff Interpreters' Delegation) sabiex "tesprimi t-tħassib [tagħha] dwar il-kriterji użati mill-[Kap tad-Diviżjoni] fl-għażla tal-kandidati għall-korsijiet universitarji tas-sajf" waqt laqgħa ta' din id-delegazzjoni li saret Marzu 2012. Wara laqgħa li saret fl-10 ta' Ġunju 2013, id-Direttur iddeċieda li jerġa' jagħti lir-rikorrenti l-funzjonijiet

sekondarji, bil-kundizzjoni madankollu li tosserva r-regoli applikabbli, peress li l-ivvjaġġar fuq missjonijiet awtorizzati mill-Parlament jinvolvi fiduċja reċiproka u għalhekk osservanza tar-regoli fis-seħħ f'din l-istituzzjoni. Din id-deċiżjoni ġiet ifformalizzata, fuq talba tar-rikorrenti, f'nota tad-Direttur tal-11 ta' Ġunju 2013, li ssemmi li r-rikorrenti "hija awtorizzata, bħall-kollegi kollha l-oħra tad-Direttorat, issegwi attivitajiet ta' taħriġ professjonali fl-interess tas-servizz".

101 Ir-rikorrenti tilmenta dwar il-fatt li, minħabba r-raġuni falza tal-istat ta' saħħa tagħha, il-funzjonijiet sekondarji tagħha ġew irtirati bħala miżuri ta' tpattija u intimidazzjoni. L-irtirar tal-funzjonijiet sekondarji tagħha kien jikkostitwixxi għalhekk abbuż ta' awtorità u ta' poter li min-naħa tiegħu jikkostitwixxi fastidju.

102 Preliminarjament, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jfakkar li, għalkemm huwa minnu li l-amministrazzjoni għandha kull interess li tittrasferixxi uffiċjali jew membri tal-persunal skont il-kapaċitajiet u l-preferenzi personali tagħhom, ma jistax jingħad li dawn b'hekk jingħataw id-dritt li jeżerċitaw jew li jżommu funzjonijiet speċifiċi (sentenzi Campoli vs Il-Kummissjoni, T-100/00, EU:T:2001:75, punt 71, u DH vs Il-Parlament, F-4/14, EU:F:2014:241, punt 68). Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tista' tiddeċiedi li tirtira ċerti doveri tal-uffiċjali tagħha.

103 Fir-rigward tal-doveri li tneħħew lir-rikorrenti, dawn kienu sekondarji għall-funzjonijiet prinċipali ta' interpretazzjoni. Kienu wkoll limitati għaliex kienu essenzjalment parteċipazzjoni f'missjonijiet barra mit-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament — li interpreti tal-lingwa Ċeka ma jkollhomx faċilment l-opportunità li jagħmlu dan —, parteċipazzjoni fil-grupp ta' ħidma dwar it-taħriġ u parteċipazzjoni f'kors ta' taħriġ għal min iħarreġ.

104 It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jirrileva li, għalkemm ir-rikorrenti kienet tħobb dawn il-funzjonijiet sekondarji, li setgħu jkunu ta' distrazzjoni għar-rikorrenti, xorta jibqa' l-fatt li d-doveri li ma tneħħewlhiex kienu d-doveri li jikkostitwixxu x-xogħol ta' interpretu. Imbagħad, it-tneħħija tal-funzjonijiet sekondarji ġiet deċiża b'mod temporanju. Rigward il-fatt li d-Direttur issuġġetta li r-rikorrenti terġa' tingħata l-funzjonijiet sekondarji bl-impenn minn naħa tagħha li tadotta aġir iktar konformi mal-interess tas-servizz, li kien jinvolvi li titlob skuża kif mitluba, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li, fir-rigward tad-diffikultajiet relazzjonali parzjalment ipprovokati mir-rikorrenti, din id-deċiżjoni ma kinitx tikser il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tad-Direttur.

105 Minn dan jirriżulta li d-deċiżjoni tad-Direttur li jirtira temporanjament lir-rikorrenti wħud mid-doveri professjonali sekondarji tagħha, li kienu jikkonsistu essenzjalment f'attivitajiet ta' missjoni u ta' taħriġ, ma tistax tikkostitwixxi, bħala tali, prova ta' fastidju psikoloġiku (ara s-sentenza K vs Il-Parlament, F-15/07, EU:F:2008:158, punt 38) u lanqas tista' b'xi mod tiġi kkwalifikata bħala abbuż ta' poter. Il-fatt li d-Direttur xtaq, f'dan ir-rigward, jinforza b'mod leġittimu d-deċiżjoni tiegħu billi jikkomunika mad-dipartiment mediku tal-Parlament dwar din il-kwistjoni ma huwiex rilevanti.

– Dwar il-fatti marbuta mal-aġġornament ta' glossarju

106 Dwar dak li jirrigwarda l-fatt li l-Kap tad-Diviżjoni kkunsidrat li r-rikorrenti kienet wettqet tard kompitu żgħir li kien fdat lilha fil-31 ta' Awwissu 2011, li taġġorna l-glossarju li jikkonċerna l-bażi komuni kkonsolidata tat-taxxa fuq id-dħul, it-Tribunal tas-Servizz Pubbliku jsostni li, kuntrarjament għal dak li tgħid ir-rikorrenti u kif diġà kkonstata fil-punti 114 sa 117 tas-sentenza CW vs Il-Parlament (EU:F:2014:186), ir-rimarki tal-Kap tad-Diviżjoni f'dan ir-rigward ma kellhom l-ebda żball manifest ta' evalwazzjoni. Barra minn hekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bl-ebda mod ma jara kif il-fatt li superjur jinnota l-prestazzjoni fqira ta' uffiċjali jista' jitqies li huwa aġir li jikkostitwixxi fastidju psikoloġiku, b'mod partikolari meta l-prestazzjoni fqira tkun ovvja.

– Dwar il-fatti relatati mal-ivvjaġġar tar-rikorrenti lejn ir-Repubblika Ċeka matul il-leave tal-mard

107 Ir-rikorrenti telqet minn Brussell biex iżżur lill-familja tagħha fi Praga (ir-Repubblika Ċeka) mit-2 sal-5 ta' Marzu 2012, waqt li hija kienet fuq leave tal-mard. Fl-4 ta' Ġunju 2012, id-Direttur Ġenerali staqsa lir-rikorrenti jekk din kinitx ivvjaġġat minn Brussell għal Praga l-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2012 u jekk kinitx għamlet il-vjaġġ tar-ritorn it-Tnejn 5 ta' Marzu 2012. Wara li r-rikorrenti kkonfermat din l-informazzjoni, id-Direttur Ġenerali staqsiha jekk kinitx kisbet awtorizzazzjoni minn qabel għal dan il-vjaġġ. Fis-6 ta' Ġunju 2012, ir-rikorrenti ddikjarat dan li ġej: "Ir-risposta għall-mistoqsija tiegħek hija le, jien ma ksibtx awtorizzazzjoni minn qabel kif previst fl-[Artikolu] 60 tar-Regolamenti tal-Persunal, għaliex jien ma ħsibtx li kelli obbligu nagħmel dan." Sussegwentement, f'ittra elettronika tas-7 ta' Ġunju 2012, id-Direttur Ġenerali informa b'mod partikolari lir-rikorrenti li ma kinitx osservat ir-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal f'dak li kellu x'jaqsam ma' residenza barra mill-post tax-xogħol tiegħek waqt leave tal-mard, minkejja l-fatt li dawn huma previsti b'mod partikolari sabiex jipproteġu l-uffiċjal f'dak li jikkonċerna l-kopertura ta' assigurazzjoni, u li, kieku ressqet talba ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ir-rikorrenti setgħet anki tiġi awtorizzata ddum iktar ħdejn il-familja tagħha.

108 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li, peress li l-amministrazzjoni kellha konoxxenza, fid-dettall, tat-titjiriet li hija kienet ħadet biex tmur Praga u terġa lura Brussell, kien ċar li f'dak iż-żmien hija kienet qed tiġi osservata mill-qrib mill-amministrazzjoni tagħha, ħaġa li kompliet taggrava l-istress, il-pressjoni u l-intimidazzjonijiet li ffaċċjat.

109 It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkonstata li, permezz tal-argumenti tagħha, bl-allegazzjonijiet ta' fastidju, ir-rikorrenti qed tipprova timminimizza l-portata tal-ksur manifest tal-Artikolu 60 tar-Regolamenti tal-Persunal.

110 Fir-rigward tal-fatt li l-amministrazzjoni kienet informata minn wieħed mill-kollegi tar-rikorrenti li hija kienet irriżervat titjiriet fit-2 u fil-5 ta' Marzu 2012, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma stabbilixxiet li dan il-kollega kien ingħata istruzzjonijiet sabiex isegwi l-movimenti tagħha matul il-leave tal-mard tagħha. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li ma għandux jiġi eskluż li xi whud mill-kollegi tagħha jużaw l-istess titjiriet sabiex jirritornaw fil-pajjiż tagħhom, speċjalment matul tmiem il-ġimgħa.

– Fuq il-fatti relatati mar-rimbors tal-infiq marbuta ma' missjoni

111 Ir-rikorrenti tirreferi għall-fatt li, filwaqt li l-Kap tad-Diviżjoni kienet qed timxi għal uffiċċju ieħor, hija ma informathiex li l-formola ta' applikazzjoni sabiex titlob rimbors tal-ispejjeż li hija kienet nefqet fil-kuntest ta' missjoni setgħet tiġi ppreżentata fl-uffiċċju l-antik tagħha. Barra minn hekk, meta r-rikorrenti staqsietha x'kien in-numru tal-uffiċċju l-ġdid tagħha, il-Kap tad-Diviżjoni rrispondietha permezz ta' ittra elettronika tat-2 ta' Mejju 2012 li din l-informazzjoni kienet disponibbli fuq is-sit intranet tal-Parlament, iżda li, sabiex tiffaċilitalha x-xogħol, indikatilha li hija setgħet issib dan in-numru fil-firma elettronika tal-ittra elettronika.

112 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-imġiba tal-Kap tad-Diviżjoni f'dan l-episodju, ma hija, bl-ebda mod, kemm fil-forma tagħha kif ukoll fil-mertu, komparabbli ma' fastidju psikoloġiku. Il-fatt li r-rikorrenti tikkunsidrah bħala tali jirriżulta manifestament minn perċezzjoni suġġettiva.

– Fuq il-fatti relatati mas-suċċess fl-eżami tal-lingwa Pollakka

113 Wara li kellha l-opportunità tieħu konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub ta' erba' mill-kollegi tagħha, fosthom ta' G., li ġew prodotti mill-Parlament għall-iskopijiet tad-difiża tagħha fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza CW vs Il-Parlament (EU:F:2014:186), fil-15 ta' Novembru 2013 ir-rikorrenti talbet, b'mod partikolari, sabiex G. ma jkunx wieħed mill-eżaminaturi responsabbli sabiex

jevalwaw il-kapaċitajiet tagħha tal-lingwa Pollakka, lingwa li xtaqet iżżid fil-kompetenzi tagħha fl-interpretazzjoni. Skont ir-rikorrenti, fid-dawl tad-dikjarazzjoni partikolarment negattiva fir-rigward tagħha, G. ma kellux il-livell ta' newtralità meħtieġ.

114 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li G. għamel dikjarazzjonijiet li kienu juru l-imġiba tar-rikorrenti b'mod negattiv, fih innifsu, ma jfissirx li G. ma kienx kapaċi jevalwa b'mod oġġettiv il-kompetenzi lingwistiċi tagħha. Fil-fatt, li kieku r-raġunament ta' din tal-aħħar kellu jkun segwit, ikollu bħala konsegwenza li, sempliċement abbażi ta' dikjarazzjonijiet u ta' perċezzjonijiet suġġettivi relatati mal-ambjent professjonali tagħha, kważi nofs id-Diviżjoni kif ukoll il-Kap ta' din id-Diviżjoni u d-Direttur kellhom ikunu mċaħħda mill-possibbiltà li janalizzaw il-kapaċitajiet u l-imġiba tar-rikorrenti fl-attivitajiet professjonali tagħha.

115 Qabel xejn, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jirrileva li r-rikorrenti għaddiet b'suċċess mill-eżami tal-lingwa Pollakka, fatt li jnaqqas mill-plawżibbiltà u l-kredibbiltà tal-argumenti tagħha f'dan ir-rigward.

116 Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet preċedenti, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li, jekk jittieħdu individwalment, il-fatti u s-serje ta' fatti msemmija hawn fuq relatati mal-inċidenti msemmija mir-rikorrenti, dawn ma jistgħux jitqiesu li huma manifestazzjonijiet ta' fastidju psikoloġiku skont is-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal.

– Fuq l-evalwazzjoni wiesgħa tal-avvenimenti kkontestati

117 Meħuda fit-totalità tagħhom, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li l-avvenimenti mressqa mir-rikorrenti u li għadhom kemm ġew evalwati wieħed wieħed (iktar 'il quddiem l-"avvenimenti kkontestati") ċertament juru relazzjoni kunflittwali f'kuntest amministrattiv diffiċli, iżda ma humiex xhieda ta' atti li huma ta' natura abbużiva jew volontarja, peress li d-dikjarazzjonijiet u l-aġir iddokumentati juru l-iktar l-iktar ġestjoni insensittiva tas-sitwazzjoni kunflittwali mis-superjuri tar-rikorrenti, u mhux intenzjoni ta' aġir abbużiv fir-rigward tar-rikorrenti (ara, fl-istess sens, is-sentenza CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punt 128).

118 B'mod partikolari, fir-rigward tal-aġir tar-rikorrenti, ikkaratterizzat minn egħbusija ta' ras, intransiġenza u, xi drabi, kważi insubordinazzjoni, hija ma tistax tallega li ma tifhimx ir-raġunijiet tad-deċiżjonijiet meħuda mis-superjuri tagħha. F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jenfasizza li l-portata tal-kunċetti ta' fastidju psikoloġiku u tal-obbligu ta' assistenza, imsemmija fl-Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, ma tistax tiġi estiża sabiex tippermetti lill-allegata vittma sabiex b'mod sistematiku tikkontesta kull awtorità superjuri jew li tikkunsidra lilha nnifisha ħielsa mill-obbligi previsti speċifikament mir-Regolamenti tal-Persunal, bħal dawk relatati mas-sistema tal-leave jew l-obbligu ta' kooperazzjoni leali mas-superjuri tagħha.

119 F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jfakkar fil-fatt li l-kritika ta' superjur dwar it-twettiq ta' biċċa xogħol jew dover minn uffiċjal tiegħu ma hijiex fiha nnifisha aġir mhux xieraq, għaliex, jekk ikun hekk, il-ġestjoni ta' servizz issir prattikament impossibbli (sentenzi Tzirani vs Il-Kummissjoni, F-46/11, EU:F:2013:115, punt 97, u CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punt 87). Bl-istess mod, ġie deċiż li anki osservazzjonijiet negattivi indirizzati lil membru tal-persunal mhux bilfors jikkostitwixxu attakk kontra l-personalità, id-dinjità, jew l-integrità tiegħu, sakemm dawn ikunu saru, bħal f'dan il-każ, bi kliem meqjus u ma jkunux ibbażati fuq akkużi abbużivi mingħajr ebda konnessjoni ma' fatti oġġettivi (ara s-sentenzi Menghi vs ENISA, F-2/09, EU:F:2010:12, punt 110, u CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punt 87).

120 Għalkemm ma jistax jiġi nnegat li l-fatti relatati, mal-"mistoqsijiet lill-amministrazzjoni" u mal-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2011 rispettivament, ikkontribwixxew sabiex ir-relazzjonijiet tax-xogħol fid-Diviżjoni ddeterjoraw, minn naħa waħda, il-fatt li uffiċjal ikollu relazzjonijiet diffiċli, saħansitra, kunflittwali,

mal-kollegi jew mas-superjuri tiegħu ma jikkostitwixxix, fih innifsu, prova ta' fastidju psikoloġiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punti 86, 87 u 98, u l-ġurisprudenza ċċitata), anki meta dawn id-diffikultajiet iwasslu għal serje ta' twissijiet mingħand is-superjuri tagħha. Min-naħa l-oħra, billi kompliet tibgħat il-posta elettronika, ir-rikorrenti ftit li xejn ipprovat tikkontribwixxi sabiex tikkalma s-sitwazzjoni professjonali fi ħdan id-Diviżjoni.

121 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-polemika li rriżultat mill-applikazzjoni tal-kriterji ta' selezzjoni għall-korsijiet tal-lingwa Ingliża fl-universitajiet tas-sajf ippjanati għall-2012, id-Direttur ma kkommettiex żball manifest ta' evalwazzjoni meta ddeċieda li jitlob lir-rikorrenti titlob skuża, permezz ta' posta elettronika indirizzata lil dawk l-istess persuni li lilhom hija kienet ħadet l-abitudni li tibgħat il-ħafna korrispondenza tagħha dwar il-Kap tad-Diviżjoni, f'dan il-każ, il-membri kollha tad-Diviżjoni, talli kienet implikat li l-Kap tad-Diviżjoni ma kienx applika b'mod korrett il-kriterji ta' parteċipazzjoni f'dawn il-korsijiet. (ara, ukoll, is-sentenza CW vs Il-Parlament, EU:F:2014:186, punti 71, 72 u 74). Barra minn hekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jirrileva li r-rikorrenti kienet diġà skużat ruħha, iżda dan biss permezz ta' posta elettronika tal-20 ta' Jannar 2012, indirizzata lill-Kap tad-Diviżjoni u li fiha kkopjat lid-Direttur. Peress li, li kieku wieħed mis-superjuri tagħha kien bagħat din il-posta elettronika lill-membri tad-Diviżjoni r-rikorrenti probabbilment kienet tinterpreta dan il-ġest bħala forma addizzjonali ta' fastidju, kien għalhekk iktar u iktar leġittimu, sabiex tingħata lura l-kredibbiltà tal-Kap tad-Diviżjoni, li kienet ġiet kompromessa bl-attitudni tar-rikorrenti, li s-superjuri tagħha jitolbu lir-rikorrenti tiskuża ruħha mal-Kap tad-Diviżjoni u din tibgħatha lill-istess persuni li lilhom kienu ntbagħtu l-messaġġi ta' kritika tal-Kap tad-Diviżjoni.

122 Fuq dan l-aspett, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li bl-istess mod kif messaġġi mibgħuta mis-superjuri li fihom kliem defamatorji jew malizzjużi, iktar u iktar meta jintbagħtu mingħajr ġustifikazzjoni speċifika, lil persuni oħra minbarra l-persuna kkonċernata, jistgħu jitqiesu li huma forma ta' fastidju fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal (ara, *a contrario*, is-sentenzi Lo Giudice vs Il-Kummissjoni, EU:T:2007:322, punti 104 u 105, u Tzirani vs Il-Kummissjoni, EU:F:2013:115, punt 97), l-obbligu ta' lealtà msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolamenti tal-Persunal, u l-obbligu ta' kull uffiċjal, skont l-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal, li ma jagħmel l-ebda azzjoni jew imġiba li tista' tirrifletti b'mod negattiv fuq il-pożizzjoni tiegħu, ifissru, għal kull uffiċjal obbligu li ma jikkontestawx, jekk ma jkollhomx bażi, l-awtorità tas-superjuri tagħhom, u fi kwalunkwe każ, l-obbligu li juru moderazzjoni u prudenza meta jibagħtu posta elettronika sabiex jikkontestaw dik l-awtorità u fl-għażla tal-persuni li lilhom tintbagħat il-posta elettronika.

123 Fir-rigward tal-irtirar temporanju ta' ċerti doveri u funzjonijiet tar-rikorrenti, irrispettivament mill-kwistjoni tal-konsultazzjoni mad-dipartiment mediku tal-Parlament u taċ-ċirkustanzi li fihom saret din il-konsultazzjoni, dan seta' jiġi ġġustifikat minħabba raġunijiet ta' natura medika mill-mument li fih ir-rikorrenti kienet, diversi drabi, assenti minħabba mard u kienet semmiet "burnout". Fil-verità, mill-proċess jirriżulta li fuq kollox kien sabiex jiġu evitati iktar kontroversji, marbuta mal-parteċipazzjoni tagħha f'attivitajiet barra d-Diviżjoni, li r-rikorrenti nħelset minn dawn il-funzjonijiet sekondarji għall-funzjonijiet prinċipali tagħha. Peress li r-rikorrenti bl-ebda mod ma ġiet imċaħħda mill-imsemmija funzjonijiet prinċipali, li huma l-iktar importanti fir-rigward tal-interess tas-servizz, jiġifieri x-xogħol ta' interpretazzjoni, li kif jidher, hija kienet tagħmel fuq livell sodisfaċenti għall-istituzzjoni tagħha, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma jarax kif il-fatt li ġiet imċaħħda milli tagħmel uħud mid-doveri sekondarji, minkejja li r-rikorrenti kienet tieħu gost tagħmilhom, għandu oġġettivament ikollu l-effett li, fil-kuntest iktar wiesa' tal-avvenimenti deskritti, jikkawżaw dannu għall-personalità, id-dinjità jew l-integrità fiżika jew psikika tagħha.

124 Fir-rigward tad-diversi ċertifikati u rapporti mediċi li r-rikorrenti annettiet mar-rikors tagħha sabiex turi li l-imġiba kkontestata tal-Kap tad-Diviżjoni tagħha u tad-Direttur tagħha kkawżat dannu għall-personalità, id-dinjità jew l-integrità fiżika jew morali tagħha, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkonstata li filwaqt li huwa veru li dawn iċ-ċertifikati u rapporti mediċi juru l-eżistenza ta' problemi psikiki tar-rikorrenti, madankollu ma jistabbilixxux li l-imsemmija problemi jirriżultaw minn fastidju psikoloġiku, peress li, sabiex jikkonkludu l-eżistenza ta' tali fastidju, l-awturi taċ-ċertifikati

neċessarjament ibbażaw ruħhom esklużivament fuq id-deskrizzjoni li r-rikorrenti setgħet tagħtihom tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha fi ħdan il-Parlament (ara s-sentenzi K vs Il-Parlament, EU:F:2008:158, punt 41, u CQ vs Il-Parlament, EU:F:2014:214, punt 127). Fi kwalunkwe każ, il-pariri tal-esperti mediċi meta jkunu bbażati fuq elementi oħra minbarra d-deskrizzjoni li l-uffiċjal ikkonċernat ikun ta dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, fihom infushom ma humiex ta' natura li jistabbilixxu l-eżistenza, fid-dritt, ta' fastidju jew ta' nuqqas ta' istituzzjoni fir-rigward tal-obbligu ta' assistenza (sentenza BQ vs Il-Qorti tal-Awdituri, T-7/14 P, EU:T:2015:79, punt 49).

125 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kritika tar-rikorrenti dwar l-allegata abbitudni tad-Direttur li jgħajtilha għal laqgħa mingħajr ma jindikalha r-raġuni tal-laqgħa, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jfakkar li r-rikorrenti għandha l-obbligu li tkun disponibbli sabiex tiltaqa' mas-superjur tagħha meta dan jitlobha tattendi laqgħa (sentenza CW vs Il-Parlament, EU:F:2014:186, punt 123). Barra minn hekk, mill-proċess jirriżulta li, kull darba li hija talbet, id-Direttur indikalha s-suġġett tal-laqgħat ikkontestati. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jirrileva wkoll li, finalment, dawn il-laqgħat jidhru li kienu tentattiv tal-amministrazzjoni sabiex jingħelbu d-diffikultajiet relazzjonali bejn il-Kap tad-Diviżjoni u r-rikorrenti li, essenzjalment, kienu kkawżati minn imġiba ta' din tal-aħħar li tikkontesta l-awtorità tal-Kap tad-Diviżjoni, li ħadet il-kariga li għaliha l-applikazzjoni tar-rikorrenti kienet ġiet miċħuda.

126 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li l-Parlament ma kkommettiex żball manifest ta' evalwazzjoni u lanqas abbuż ta' poter meta, fid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza kkonkluda, li, fid-dawl tal-provi mressqa quddiemu b'mod partikolari mir-rikorrenti u dawk relatati mar-rapport ta' evalwazzjoni 2011 tagħha, l-imġiba kkontestata ma setgħetx titqies li hija manifestazzjonijiet ta' fastidju psikoloġiku fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal. Bl-istess mod, il-provi prodotti mir-rikorrenti ma jippermettux li jiġi kkonstatat li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha kienu jippreġudikaw is-saħħa u d-dinjità tagħha fis-sens tal-Artikolu 31(1) tal-Karta.

127 Għaldaqstant, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura u tal-obbligu ta' assistenza stabbilit fl-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal

L-argumenti tal-partijiet

128 Insostenn tat-tieni motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li, minkejja l-fatt li hija pprovdiet lill-Awtorità tal-Ħatra bi provi *prima facie* tal-attakki li kienet suġġetta għalihom mingħand il-Kap tad-Diviżjoni u d-Direttur, l-Awtorità tal-Ħatra ma adottatx il-miżuri li hija talbet, li jikkostitwixxi ksur kemm tal-obbligu ta' assistenza kif ukoll tad-dmir ta' premura.

129 Fir-rigward tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment, ir-rikorrenti ssostni li huwa żbaljat li l-Awtorità tal-Ħatra kkritikatha talli ma kkonsultatx mal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju minħabba li, fi ħdan is-Segretarjat tal-Parlament, l-investigazzjonijiet ta' kwistjonijiet ta' allegat fastidju huma fdati f'idejn dan il-kumitat. Għaldaqstant, il-motiv invokat insostenn taċ-ċaħda tal-ilment tagħha, jiġifieri li kien prematur peress li ma kinitx ikkonsultat lil dan il-kumitat, huwa żbaljat. F'dan ir-rigward, hija tenfasizza li hija kienet ħadet l-inizjattiva li tikkonsulta ma' dan il-kumitat, iżda li l-President tiegħu ma kienx reġa' kkuntattjaha dwar dan is-suġġett. Fl-opinjoni tagħha, il-passività u n-nuqqas ta' reazzjoni ta' dan il-kumitat, kif ukoll is-silenzju tiegħu minkejja l-assigurazzjonijiet mogħtija mill-Awtorità tal-Ħatra jwasslu għal ċertu tħassib ta' natura ġenerali minn naħa tagħha li jiġġustifikaw id-dubji tagħha dwar il-possibbiltà li, b'mod fiduċjuż, l-evalwazzjoni ta' każijiet ta' fastidju psikoloġiku fi ħdan il-Parlament tiġi ddelegata lil dan il-kumitat.

130 Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti ssostni, kuntrarjament għal dak li jissuġġerixxi l-Parlament, li l-Awtorità tal-Ħatra ma tatx lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju s-setgħat li hija għandha skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal. Fi kwalunkwe każ, ma jinftiehemx kif, li kieku dan kien il-każ, l-Awtorità tal-Ħatra f'dan il-każ ma rreferietx il-kawża lil dan il-kumitat *ex officio*. Ir-rikorrenti tissuġġerixxi wkoll li l-Awtorità tal-Ħatra setgħet fdat it-tmexxija ta' investigazzjoni lil persuna jew korp *ad hoc* indipendenti.

131 Barra minn hekk, fid-dawl tal-importanza u tal-gravità tal-fatti allegati, il-Parlament kellu, qabel ma jipproċedi b'investigazzjoni bil-għan li jistabbilixxi l-veraċità tal-fatti, jibda billi jittrasferixxi lill-Kap tad-Diviżjoni u/jew lid-Direttur jew, b'mod sussidjarju, jittrasferixxi lir-rikorrenti kif kienet diġà talbet fit-talba għal assistenza tagħha. Hija tilmenta wkoll li l-Awtorità tal-Ħatra ċaħdet it-talba għal assistenza tagħha abbażi ta' informazzjoni ġenerali dwar is-sitwazzjoni fi ħdan id-Diviżjoni miġbura fil-kuntest tal-investigazzjoni li saret wara lment ta' fastidju tal-kollega tagħha, CQ, minkejja li, minn naħa waħda, ir-rikorrenti kienet qed titlob li ssir investigazzjoni dettaljata u, min-naħa l-oħra, li t-talbiet tagħha ma kinux relatati mal-konstatazzjonijiet milħuqa fi tmiem l-investigazzjoni li saret fuq talba ta' CQ.

132 Il-Parlament jitlob li t-tieni motiv jiġi miċħud bħala infondat, billi jirrileva li, meta l-Awtorità tal-Ħatra ġiet adita bit-talba għall-assistenza tar-rikorrenti, jiġifieri fil-5 ta' Frar 2013, hija kienet diġà taf tajjeb l-allegazzjonijiet tagħha, b'mod partikolari minħabba l-ilment tagħha ppreżentat kontra r-rapport ta' evalwazzjoni 2011 tagħha, li kien fih deskrizzjoni tal-fatti, iżda wkoll minħabba l-proċedura mibdija mill-kollega tagħha, CQ, li rriżultat fl-għoti ta' opinjoni tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju, fil-ftuħ ta' investigazzjoni mid-Direttur Ġenerali u fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra li, f'dan il-każ, sussegwentement kienu s-suġġett ta' rikors irreġistrat bir-referenza F-12/13. Kien għalhekk b'konoxxenza sħiħa tal-fatti u abbażi tal-provi mressqa mir-rikorrenti kif ukoll tal-investigazzjonijiet li kienu diġà saru u r-rapporti li kienu diġà redatti li t-talba għal assistenza kienet ġiet miċħuda. Għall-kuntrarju, it-talba tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament sabiex ir-rikorrenti tirreferi l-każ, mill-ġdid, lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju saret biss, kif ġie spjegat waqt is-seduta, fi spirtu ta' trasparenza u premura. Fir-rigward tal-fatt li l-Awtorità tal-Ħatra ma rreferietx il-każ lill-imsemmi kumitat *ex officio*, il-Parlament issostni li dan il-pass kellu jsir mir-rikorrenti skont l-obbligu ta' kooperazzjoni leali fil-konfront tal-istituzzjoni tagħha.

Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

– Kunsiderazzjonijiet preliminari

133 B'mod preliminari, għandha ssir distinzjoni bejn it-talba tar-rikorrenti, ippreżentata lill-President tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju, u t-talba għal assistenza, li hija ressqet, skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, għand l-Awtorità tal-Ħatra.

134 Fil-fatt, fir-rigward tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jirrileva li, kif jirriżulta mir-regoli interni, dan inħoloq sabiex jiġi implementat l-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal u li d-doveri prinċipali tiegħu huma li jippromwovi ambjent ta' xogħol seren u produttiv, jipprevjeni u/jew iwaqqaf kull fastidju ta' membri tal-persunal kif ukoll li jkollu rwol ta' rikonċiljazzjoni, ta' medjazzjoni, ta' taħriġ u ta' informazzjoni. Skont l-Artikoli 6 u 7 tar-regoli interni, il-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju "għandu jisma' lil kull persuna li tikkunsidra li hija vittma ta' fastidju u jagħtiha l-ħin u l-attenzjoni meħtieġa, filwaqt li jiżgura li jinżamm spirtu newtrali u oġġettiv, u konxju mill-fatt li qed jaħdem f'ambjent multikulturali[;] għandu jaħdem bl-ikbar awtonomija, indipendenza u kunfidenzjalità" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

135 Fir-rigward tar-riferiment lill-Kumitat, skont l-Artikoli 9 u 11 tar-regoli interni, kull uffiċjali jew membru tal-persunal li jkollu problema li tista' taqa' taħt fastidju jew li jikkunsidra li tali problema teżisti fl-ambjent tax-xogħol tiegħu jista' jindirizza din il-problema lill-Kumitat konsultattiv dwar

il-fastidju li għandu jiltaqa' miegħu fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba. Wara li jiltaqa' mal-allegata vittma, kif ukoll mal-persuna li allegatament hija responsabbli għall-fastidju u, eventwalment ma' kollegi oħra tagħhom fi żmien xahar wara li tinstema' l-allegata vittma, jiġifieri l-persuna li rreferiet il-każ lill-Kumitat, il-Kumitat jista', bis-saħħa tal-Artikolu 12 tar-regoli interni, jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-persunal tal-amministrazzjoni tal-persuna li għamlet l-ilment bil-għan li tiġi riżolta l-problema. Jekk il-problema tippersisti, l-Artikolu 14 tar-regoli interni jawtorizza lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju jibgħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament rapport kunfidenzjali bi proposti dwar azzjonijiet li għandhom jittieħdu, u jekk ikun il-każ, jitolbuh jibda investigazzjoni ddettaljata, li fi tmiemha jinħarġu u jintbagħtu konklużjonijiet u eventwali rakkomandazzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament. F'każ simili, dan tal-aħħar, skont l-Artikolu 16 tar-regoli interni, għandu jinforma lill-Kumitat bil-miżuri li għandu l-intenzjoni li jieħu.

136 Barra minn hekk, mill-Artikoli 10 u 11 tar-regoli interni jirriżulta li l-possibbiltà li kull uffiċjal jew membru tal-persunal tal-istituzzjoni jirreferi każ lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju, ma hijiex suġġetta għall-produzzjoni ta' prova *prima facie* li tippermetti li jiġi konkluż li kien hemm fastidju u li, la darba kkonsultat, dan il-kumitat huwa għall-kuntrarju obbligat li jwettaq id-doveri li ġew fdati lilu, kif elenkati iktar 'il fuq; it-twettiq ta' dawn id-doveri ma huwiex suġġett għal xi deċiżjoni minn qabel tal-Awtorità tal-Ħatra, ħlief fejn ikun il-Kumitat stess li jirreferi l-każ lill-Awtorità tal-Ħatra skont l-Artikolu 14 tar-regoli interni.

137 Barra minn hekk, għalkemm jista' jkun mixtieq f'ċerti każijiet, b'mod partikolari sabiex issir medjazzjoni, ir-riferiment lill-Kumitat konsultattiv ma huwiex kundizzjoni neċessarja sabiex uffiċjal iressaq talba għal assistenza fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Faita vs KESE, EU:F:2013:130, punt 91). Fil-fatt, b'kuntrast mal-kliem u l-għan tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal u tar-regoli interni adottati mill-Parlament għall-implementazzjoni tal-imsemmi artikolu, l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal ma jsemmix b'mod speċifiku l-prevenzjoni jew il-ġlieda kontra l-fastidju, iżda jippermetti b'mod iktar ġenerali, lil kull persuna koperta bir-Regolamenti tal-Persunal, titlob l-intervent tal-Awtorità tal-Ħatra sabiex din tadotta kwalunkwe miżura intiża sabiex "tassisti kull uffiċjal, partikolarment fi proċeduri kontra kull persuna li tagħmel theddid, atti jew kliem ta' insult jew defamatorji, jew kull attakk fuq persuna jew proprjetà' li għalihom huwa [...] suġġett minħabba l-posizzjoni jew id-dmirijiet tiegħu".

138 Minn dan isegwi li t-tressiq ta' talba għal assistenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal ma tirrikjedix, anki meta tkun talba għal assistenza relatata ma' każ ta' fastidju, li l-persuna kkonċernata tkun obbligata tirreferi l-każ minn qabel, lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju stabbilit mill-Parlament abbażi tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, indipendentement mill-fatt li l-Awtorità tal-Ħatra tista', skont l-Artikolu 14 tar-regoli interni, tiddeċiedi f'ċerti każijiet li tgħaddi lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju r-responsabbiltà li jmexxi investigazzjoni dwar il-fatti ta' fastidju allegat li jkun inġab għall-attenzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra.

– Fuq il-ksur tal-obbligu ta' assistenza u tad-dmir ta' premura

139 F'dan il-każ, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkonstata li r-rikorrenti kienet talbet l-għajnuna tal-President tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju minħabba l-fatt li "[m]ill-1 ta' Frar 2012, [hija] [kienet] esposta għal pressjoni enormi eżerċitata miż-żewġ superjuri [tagħha]". Anki jekk din it-talba ma kinitx tirreferi speċifikament għall-kunċett ta' fastidju psikoloġiku u ma kienet akkumpanjata mill-ebda prova tal-"pressjoni enormi" msemmija mir-rikorrenti, skont ir-regoli interni, il-Kumitat kien obbligat li jisma' lir-rikorrenti fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol, ħaġa li manifestament naqas li jagħmel. F'dan ir-rigward, ir-raġuni msemmija mill-Parlament sabiex jiġġustifika dan il-ksur tar-regoli interni mill-Kumitat, jiġifieri li l-President tiegħu kien qed jittrasferixxi ruħu għal uffiċċju ġdid wara li ġie nnominat f'kariga ġdida f'Direttorat Ġenerali ieħor, ma hijiex rilevanti peress li, għalkemm mill-posta elettronika tar-rikorrenti li kienet indirizzata lis-Segretarjat tal-Kumitat jew lill-President

tiegħu jirriżulta li hija xtaqet tiltaqa' mal-President tal-Kumitat personalment, kellu jkun il-Kumitat, bħala korp konsultattiv li ġie avviċinat permezz tal-President tiegħu, li jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex xi membru ieħor, li tnejn minnhom kienu, barra minn hekk, ikkopjati f'parti mill-korrispondenza inkwistjoni, jieħu r-responsabbiltà tat-talba tar-rikorrenti, ħaġa li manifestament ma saritx.

140 Indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-Kumitat kienx ġie avviċinat, kif ġie kkonstatat preċedentement, ir-rikorrenti kellha, fi kwalunkwe każ, dritt tressaq talba għal assistenza fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal fi ħdan l-Awtorità tal-Ħatra, mingħajr ma kellha l-obbligu li tirreferi l-każ minn qabel lil dan il-Kumitat jew l-obbligu li tistenna eventwali risposta ta' dan il-Kumitat.

141 F'dan ir-rigward, kif tfakkar fil-punt 37 ta' din is-sentenza, kellha tkun ir-rikorrenti li tressaq, insostenn tat-talba tagħha għal assistenza, prova *prima facie* li l-attakki li hija ddikjarat li saru fil-konfront tagħha mill-Kap tad-Diviżjoni u mid-Direttur tagħha kienu seħħew fir-realtà.

142 F'dan il-każ, anki jekk il-provi li hija ressqet fit-talba għal assistenza tagħha ma kinux juru l-eżistenza tal-allegat fastidju, l-Awtorità tal-Ħatra setgħet tikkunsidra, fi spirtu ta' trasparenza ispirat mid-dmir ta' premura tagħha, li, sa ċertu punt, dawn il-provi setgħu jikkostitwixxu prova *prima facie* ta' tali fastidju. B'hekk, fil-prinċipju, kien il-Parlament li kellu jieħu l-miżuri xierqa, b'mod partikolari, billi jiftaħ investigazzjoni, sabiex jiġu stabbiliti l-fatti li wasslu għall-ilment, b'kollobarazzjoni mal-persuna li ressqet l-ilment. Fl-eżerċizzju tal-poteri tagħha, l-amministrazzjoni tista', għal dan il-għan u billi tagħti iktar riżorsi loġistiċi u umani xierqa, tiddeċiedi li tafda t-tmexxija ta' tali investigazzjoni lill-amministrazzjoni tal-istituzzjoni, bħal Direttur Ġenerali, kumitat investigattiv *ad hoc*, Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju jew, anki, lil personalità jew korp barra mill-istituzzjoni.

143 Madankollu, fir-rigward tal-legalità ta' deċiżjoni li tiċħad, mingħajr ma nfetħet investigazzjoni amministrattiva, talba għal assistenza mressqa abbażi tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-qorti tal-Unjoni għandha teżamina l-mertu ta' din id-deċiżjoni, fid-dawl tal-provi mressqa għall-konoxxenza tal-amministrazzjoni, b'mod partikolari mill-persuna kkonċernata fit-talba għal assistenza tagħha, meta tingħata d-deċiżjoni (sentenza Faita vs KESE, EU:F:2013:130, punt 98).

144 F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jirrileva li, l-ewwel nett, fit-talba għal assistenza tagħha, ir-rikorrenti kienet tat dokumentazzjoni voluminuża sabiex issostni, b'mod partikolari permezz ta' posta elettronika, il-fatti allegati. It-tieni nett, fit-talba għal assistenza tagħha, ir-rikorrenti indikat li "[l-Awtorità tal-Ħatra], li lilha [saru] t-talba formali għal assistenza u ilment [minn CQ], [kienet] konxja kompletament mis-sitwazzjoni u [kienet] tat mandat lid-Direttur Ġenerali sabiex jinvestiga l-każ".

145 Konsegwentement u kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, l-Awtorità tal-Ħatra kellha dritt tieħu inkunsiderazzjoni, waqt li tittratta t-talba għal assistenza, l-informazzjoni li hija diġà kellha konoxxenza tagħha u li għaliha kienet irreferiet b'mod dirett u/jew indirett ir-rikorrenti fit-talba tagħha, jiġifieri, b'mod partikolari, il-parir tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u l-investigazzjoni magħmula mid-Direttur Ġenerali wara l-ilment ta' fastidju minn CQ, peress li, fuq kollox, it-talba għal assistenza ta' din tal-aħħar kienet tinvolvi l-istess protagonisti, li kienu, inkluż ir-rikorrenti, instemgħu, xi drabi kemm-il darba, mill-Kumitat u mill-Awtorità tal-Ħatra. Ma' dan jiżdied il-fatt li l-avvenimenti kkontestati kienu ġew parzjalment ikkontestati mir-rikorrenti fil-kontestazzjonijiet tar-rapporti ta' evalwazzjoni 2011 u 2012 tagħha.

146 Fid-dawl tal-provi prodotti mir-rikorrenti u dawk magħrufa mill-Parlament b'konnessjoni mar-rapport ta' evalwazzjoni 2011 u l-ilment għal fastidju ta' CQ, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li l-Awtorità tal-Ħatra setgħet, f'dan il-każ, tikkunsidra fid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza li hija kellha, f'dan l-istadju, konoxxenza suffiċjenti tar-realtà u tal-portata tal-fatti allegati mir-rikorrenti sabiex tikkonkludi li dawn ma kinux jikkostitwixxu fastidju psikoloġiku, ħaġa li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonferma fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-ewwel motiv.

147 B'hekk, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, li fihom it-tmexxija ta' investigazzjoni ġdida kienet ser tinvolvi l-interrogazzjoni tal-istess protagonisti li kienu diġà nstemgħu fil-kuntest tal-investigazzjoni li kienet saret wara l-ilment minħabba fastidju ta' CQ, fuq fatti li, uħud minnhom, kienu identiċi għal dawk ikkontestati minn CQ u li mhux neċessarjament kienu ser iżidu xi informazzjoni supplimentari meta mqabbla mal-provi suffiċjentement eżawrjenti prodotti mir-rikorrenti stess quddiem l-Awtorità tal-Ħatra, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li, billi ma ordnatx il-ftuħ ta' "investigazzjoni iddettaljata fuq il-metodi ta' amministrazzjoni tal-[Kap tad-Diviżjoni tagħha] u tad-[Direttur] kif ukoll fuq l-imġiba tagħhom fil-konfront tar-[rikorrenti]", il-Parlament ma kkommettiex żball manifest ta' evalwazzjoni fl-għażla tal-miżuri u metodi ta' implementazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, li fir-rigward tiegħu għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa u, għalhekk, ma kisirx din id-dispożizzjoni.

148 Ma' dan jiżdied il-fatt li, fid-definizzjoni tal-miżuri li hija tikkunsidra xierqa sabiex tistabbilixxi r-realtà u l-portata tal-fatti allegati, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tiżgura wkoll li tipproteġi d-drittijiet tal-persuni li jistgħu jkunu involuti f'investigazzjoni, b'tali mod li, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża, qabel mal-protagonisti kollha jerġgħu jiġu esposti mill-ġdid għal investigazzjoni ġdida, li tista' tkun biċċa xogħol inutli għall-amministrazzjoni, iżda wkoll għall-membri tad-Diviżjoni, l-Awtorità tal-Ħatra kellha tiżgura li hija għandha provi li jistgħu jsostnu s-suspetti ġenwini ta' fastidju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Nanopoulos, T-308/10 P, EU:T:2012:370, punt 152), inkluż fir-rigward tal-konstatazzjonijiet preċedenti tal-Awtorità tal-Ħatra u tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju fil-kuntest tal-ilment għal fastidju ta' CQ. F'dan il-każ, ma kienx hemm tali provi.

149 Fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti sabiex jiġu ttrasferiti l-Kap tad-Diviżjoni u/jew id-Direttur sabiex hija tiġi protetta mill-allegati abbużi tagħhom, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 40 ta' din is-sentenza, peress li l-fatti allegati mir-rikorrenti ma kinux juru nuqqas ta' twettiq ta' obbligu min-naħa tas-superjuri tagħha skont l-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Awtorità tal-Ħatra ma kisritx l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal u lanqas id-dmir ta' premura meta ċaħdet li tilqa' din it-talba. L-istess jgħodd għat-talba tar-rikorrenti għall-"adozzjoni ta' miżura ta' effett [ekwivalenti]", bħat-trasferiment tagħha, speċjalment peress li r-rikorrenti, bħala membru tal-persunal temporanju f'Diviżjoni oħra tal-interpretazzjoni, kienet, fl-aħħar tal-2007, ingaġġata mid-Diviżjoni attwali tagħha u li din il-bidla fid-Diviżjoni kienet seħħet fil-kuntest tal-introduzzjoni ta' lment ieħor għal fastidju psikoloġiku fl-2005 u li kien ġie miċħud mill-Awtorità tal-Ħatra.

150 Fir-rigward tal-fatt li l-Awtorità tal-Ħatra ma rreferietx il-każ direttament lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju sabiex jeżamina, fil-kuntest tal-kompetenzi rispettivi tiegħu ddefiniti fir-regoli interni, l-ilment tar-rikorrenti li huwa naqas milli jagħmel, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li, fid-dawl tal-argument tar-rikorrenti fit-talba għal assistenza, argument li barra minn hekk hija rrepetiet fl-ilment u fit-talba tagħha, l-Awtorità tal-Ħatra finalment kienet ser tmur kontra l-volontà ta' din tal-aħħar li kieku kienet irreferiet il-każ lill-Kumitat li fih ir-rikorrenti kienet indikat li tilfet il-fiduċja. Sa fejn, bl-argument tagħha, ir-rikorrenti tikkritika lill-Awtorità tal-Ħatra li ma tatx ir-responsabbiltà lill-Kumitat, b'mod partikolari skont l-Artikolu 14 tar-regoli interni, sabiex jipproċedi b'investigazzjoni ddettaljata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkonstata, minn naħa waħda, li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-Kumitat jibgħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament talba sabiex jagħti lill-imsemmi Kumitat struzzjonijiet għat-tmexxija ta' investigazzjoni ddettaljata, liema talba kienet nieqsa f'dan il-każ, u li, min-naħa l-oħra, kif ġie kkonstatat preċedentement, l-Awtorità tal-Ħatra setgħet validament tikkunsidra li kellha konoxxenza suffiċjenti tal-fatti li jippermettulha tiċħad bħala infondata t-talba għal assistenza, mingħajr ma ħasset il-bżonn li titlob lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju jew lil kwalunkwe korp ieħor jagħmel investigazzjonijiet supplimentari.

151 Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jirrileva li, għalkemm it-talba għal assistenza ġiet miċħuda fil-mertu fid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza, u dan wara eżami ddettaljat tal-avvenimenti kkontestati invokati mir-rikorrenti, għall-kuntrarju l-ilment ġie miċħud prinċiparjament minħabba li

dan kien prematur peress li, fid-dawl tax-xewqa tar-rikorrenti li ssir investigazzjoni ddettaljata, kellha tkun hi li tirreferi l-każ minn qabel lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju, li huwa l-korp adattat sabiex jagħmel tali investigazzjoni.

152 Kif tfakkar fil-punti 134 sa 138 ta' din is-sentenza, ir-riferiment lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju ma huwiex kundizzjoni li trid tiġi ssodisfatta qabel l-introduzzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ħatra ta' talba għal assistenza abbażi tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal u, jekk ikun il-każ, ta' lment f'każ li dik it-talba tiġi miċħuda. Il-fatt li, fid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza, l-Awtorità tal-Ħatra stiednet lir-rikorrenti sabiex tirreferi l-każ lill-Kumitat permezz tal-President il-ġdid tagħha ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jirrileva li, mill-perspettiva *rationae temporis*, filwaqt li, fit-talba għal assistenza, ir-rikorrenti rreferiet għal avvenimenti li seħħew mix-xahar ta' April 2011 'il quddiem, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw ir-redazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tat-23 Mejju 2011 u dawk relatati man-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħha f'kors universitarju fis-sajf, l-ittra elettronika tar-rikorrenti lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju kienet tirreferi biss, f'termini kemxejn iebsa, għall-pressjoni professjonali li hija kienet qed tħoss mill-1 ta' Frar 2012.

153 Finalment, it-talba fis-sens tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tista' tiġi miċħuda minħabba n-natura prematura tagħha. Għall-kuntrarju, dan ma huwiex il-każ ta' lment, li fir-rigward tiegħu, it-terminu ta' dekadenza ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, għadu għaddej fi kwalunkwe każ, minkejja l-possibbiltà ta' riferiment lil kumitat konsultattiv bħal dak stabbilit fil-Parlament sabiex jevalwa każijiet ta' fastidju.

154 Konsegwentement, billi ċaħdet l-ilment minħabba li allegatament kien prematur inkwantu r-rikorrenti kellha qabel tirreferi l-każ lill-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju, l-Awtorità tal-Ħatra bbażat ruħha fuq motiv żbaljat u li jista' jiżvija lill-uffiċjali u lill-membri tal-persunal dwar il-kompetenzi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u tal-Awtorità tal-Ħatra fir-rigward ta' fastidju psikoloġiku, kif esposti fil-punti 134 sa 138 ta' din is-sentenza.

155 [Test rettifikat permezz ta' digriet tat-3 ta' Diċembru 2015] Madankollu, tali motiv ma jaffettwax il-legalità tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment u lanqas dik ta' ċaħda ta' assistenza. Fil-fatt, filwaqt li fakkret lir-rikorrenti, f'din l-aħħar deċiżjoni, li skont il-ġurisprudenza, l-eżistenza ta' relazzjonijiet diffiċli jiġifieri kunflittwali bejn uffiċjal u s-superjuri tiegħu ma tikkostitwixxix fiha nnifisha, il-prova ta' fastidju psikoloġiku, l-Awtorità tal-Ħatra fittxet li tikkonferma, dwar il-mertu, anki jekk b'mod sussidjarju, l-evalwazzjoni ddettaljata li saret fid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza jew, tal-inqas, ma pprovatx timmina r-riżultat ta' din l-evalwazzjoni. Fuq kollox, dan huwa dak li sostna l-Parlament waqt is-seduta. Barra minn hekk, irrispettivament mir-riżultat ta' dan ir-rikors, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkonstata li l-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju ngħata missjoni ta' rikonċiljazzjoni u medjazzjoni, li tista' tkun utli sabiex jissolvew id-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom ir-rikorrenti, anki jekk dawn ma jikkostitwixxux fastidju fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, sabiex jerġa' jkun hemm "ambjent seren u produttiv ta' xogħol" fis-sens tal-Artikolu 5 tar-regoli interni.

156 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u mingħajr il-ħtieġa li tintalab traduzzjoni minn traduttur indipendenti ta' ċerta posta elettronika miċ-Ċek għall-Ingliż, hemm lok li jiġi miċħud it-tieni motiv u, għalhekk, it-talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda ta' assistenza u tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment kollha kemm huma.

3. *Fuq it-talbiet għad-danni*

157 Fit-talbiet tagħha, ir-rikorrenti titlob lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sabiex jikkundanna lill-Parlament iħallasha ammont ta' EUR 50,000 bħala kumpens għad-dannu morali li hija tikkunsidra li sofriet kif ukoll sabiex iħallasha, bħala dannu materjali, kwart tal-ammont tal-ispejjeż mediċi li hija sofriet minħabba d-deterjorazzjoni ta' saħħitha, flimkien mal-interessi legali fuq l-ammont totali.

158 Il-Parlament jitlob, prinċiparjament, li dawn it-talbiet għad-danni jiġu miċħuda bħala inammissibbli u, b'mod sussidjarju, bħala infondati.

159 Irrispettivament minn jekk, fir-rigward tar-regola ta' konkordanza, ir-rikorrenti, meta talbet li "jiġu kkumpensati n-nuqqasijiet li d-deċiżjoni kkontestata kienet ikkawżatilha jew kienet għadha tista' tikkawżalha", kinitx qed tirreferi fl-ilment tagħha għal kumpens ta' dannu materjali u/jew morali, għandu jitfakkar li t-talbiet għal kumpens ta' dannu materjali jew morali għandhom jiġu miċħuda meta dawn, bħal f'dan il-każ, jippreżentaw rabta stretta mat-talbiet għall-annullament li, huma stess, ġew miċħuda bħala infondati (sentenza López Cejudo vs Il-Kummissjoni, F-28/13, EU:F:2014:55, punt 105, u l-ġurisprudenza ċċitata).

160 Fid-dawl taċ-ċaħda tat-talbiet għal annullament u, għalhekk tan-nuqqas ta' ksur mill-amministrazzjoni li tista' twassal għal responsabbiltà min-naħa tagħha, it-talbiet għal kumpens għandhom jiġu miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

161 Skont l-Artikolu 101 tar-Regoli tal-Proċedura, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Tmien Kapitolu tat-Tieni Titolu tal-imsemmija regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż tagħha u għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mill-parti l-oħra, jekk dawn ikunu ntalbu. Skont l-Artikolu 102(2) ta' dawn ir-regoli, parti li tirbaħ tista' tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha u l-ispejjeż kollha, jew parti minnhom, sostnuti mill-parti l-oħra jekk dan jidher li jkun iġġustifikat minħabba l-aġir tagħha, inkluż qabel ma tkun tressqet il-kawża, b'mod partikolari jekk tkun ikkawżat lill-parti l-oħra spejjeż li jitqiesu li huma fiergħa jew vessatorji.

162 Mill-motivi msemmija f'din is-sentenza jirriżulta li r-rikorrenti tilfet ir-rikors tagħha. Barra minn hekk, fit-talbiet tiegħu l-Parlament talab espressament li r-rikorrenti tiġi kkundannata għall-ispejjeż. Madankollu, fid-dawl, minn naħa waħda, tan-nuqqas ta' funzjonament tal-kumitat li b'mod partikolari wassal, għal ksur tar-regoli interni, in-nuqqas ta' teħid ta' responsabbiltà tat-talba tar-rikorrenti mibgħuta lil ex president ta' dan il-kumitat, u min-naħa l-oħra, il-motivazzjoni mhux adattata mressqa prinċiparjament insostenn tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra ġġustifikata l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 102(2) tar-Regoli tal-Proċedura u jiddeċiedi, konsegwentement, li l-Parlament għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u għandu jiġi kkundannat għal nofs l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi,

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU (L-Ewwel Awla)

jaqta' u jiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Parlament Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati nofs l-ispejjeż sostnuti minn CW.

3) CW għandha tbati nofs l-ispejjeż tagħha.

Barents Perillo Svenningsen

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Marzu 2015.

Reġistratur
W. Hakenberg

Il-President
R. Barents